

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 473/2010

tal-31 ta' Mejju 2010

li jimponi dazju kumpensatorju provviżorju fuq importazzjonijiet ta' ċertu polyethylene terephthalate li joriġina mill-Iran, il-Pakistan u l-Emirati Għarab Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku")<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

## 1. PROĊEDURA

## 1.1. Tnedija

- (1) Fit-3 ta' Settembru 2009 il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea<sup>(2)</sup> ("avviż ta' tnedija"), it-tnedija ta' proċedura kontra s-sussidji dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċertu polyethylene terephthalate ("PET") li joriġina mill-Iran, il-Pakistan u l-Emirati Għarab Magħquda ("il-pajjiżi kkonċernati").
- (2) Fl-istess jum, il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea<sup>(3)</sup>, it-tnedija ta' proċedura kontra s-sussidji dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċertu polyethylene terephthalate li joriġina mill-Iran, il-Pakistan u l-Emirati Għarab Magħquda u bdiet investigazzjoni separata ("proċedura AD").
- (3) Il-proċedura kontra s-sussidji tnediet wara li tressaq ilment fl-20 ta' Lulju 2009 mill-Kumitat għall-Polyethylene Terephthalate tal-assoċjazzjoni Plastics Europe ("il-kwerelant") fisem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon kbir, f'dan il-każ aktar minn 50 %, tal-produtturi totali tal-Unjoni ta' ċertu polyethylene terephthalate. L-ilment kien jinkludi evidenza *prima facie* ta' sussidjar tal-prodott imsemmi u ta' ħsara materjali li tirriżulta minnu, li tqieset biżżejjed biex tiġi ġġustifikata t-tnedija ta' proċedura kontra s-sussidji.
- (4) Qabel it-tnedija tal-proċedura u skont l-Artikolu 10(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għarrfet lill-Gvernijiet tal-Iran, il-Pakistan u l-Emirati Għarab Magħquda ("EGħM") li kienet irċeviet ilment dokumentat kif suppost li jalleġa li importazzjonijiet sussidjati ta' PET li joriġinaw

mill-Iran, il-Pakistan u l-EgħM kienu qed jikkawżaw ħsara materjali lill-industrija tal-Unjoni. Il-Gvernijiet rispettivi ġew mistiedna għal konsultazzjonijiet bl-għan li tiġi ċċarata s-sitwazzjoni fir-rigward tal-kontenut tal-ilment u li jaslu għal soluzzjoni bi qbil reċiproku. Il-Gvernijiet kollha laqgħu l-offerta għall-konsultazzjonijiet u għaldaqstant il-konsultazzjonijiet bdew. Matul il-konsultazzjonijiet, ma setgħet tinstab l-ebda soluzzjoni bi qbil reċiproku. Madankollu, tqiesu l-kummenti magħmula mill-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati fir-rigward tal-allegazzjonijiet li jinsabu fl-ilment rigward in-nuqqas ta' kumpens tal-iskemi. Matul il-konsultazzjonijiet jew warajhom, waslu sottomissjonijiet mill-gvernijiet tal-Pakistan u l-EGħM.

## 1.2. Il-partijiet ikkonċernati mill-proċedura

- (5) Il-Kummissjoni għarrfet uffiċjalment lill-produtturi kwere-lanti, produtturi oħra magħrufa fl-Unjoni, importaturi/kummerċjanti u utenti magħrufa li huma kkonċernati, produtturi esportaturi u rappreżentanti tal-pajjiżi esportaturi kkonċernati, dwar it-tnedija tal-proċedura. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' tnedija.
- (6) Il-partijiet interessati kollha li talbu dan, u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta.
- (7) Fid-dawl tan-numru kbir ta' produtturi u importaturi tal-Unjoni, l-użu ta' metodi tat-teħid ta' kampjuni għall-investigazzjoni ta' ħsara kien previst skont l-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ it-teħid ta' kampjuni u, jekk hu hekk, biex jingħażel kampjun, il-produtturi u l-importaturi kollha tal-Unjoni ntabu jippreżentaw lilhom infushom lill-Kummissjoni u jipprovdu, kif speċifikat fl-avviż ta' tnedija, tagħrif bażiku dwar l-attivitajiet tagħhom marbuta mal-prodott li ġie investigat matul il-perjodu ta' investigazzjoni (bejn l-1 ta' Lulju 2008 u t-30 ta' Ġunju 2009).
- (8) Erbatax-il produttur tal-Unjoni ressqu t-tagħrif mitlub u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Fuq il-bażi tat-tagħrif li ntabgħat mill-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' ħames produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw 65 % tal-bejgħ mill-produtturi kollha tal-Unjoni li kkooperaw.

<sup>(1)</sup> ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.

<sup>(2)</sup> ĠU C 208, 3.9.2009, p. 7.

<sup>(3)</sup> ĠU C 208, 3.9.2009, p. 12.

- (9) Tmien importaturi ressuq t-tagħrif mitlub u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Fuq il-bażi tat-tagħrif li ntbagħat mill-importaturi li kkooperaw, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' żewġ importaturi li jirrappreżentaw 83 % tal-importazzjonijiet mill-importaturi kollha li kkooperaw u 48 % tal-importazzjoni kollha mill-EGħM, l-Iran u l-Pakistan.
- Il-produtturi tal-Unjoni
- Novapet SA, Spanja
  - Equipolymers Srl, l-Italja
  - UAB Orion Global PET (Indorama), il-Litwanja
  - UAB Neo Group, il-Litwanja
- (10) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati, lill-produtturi esportaturi, lill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, lill-importaturi inklużi fil-kampjun u lill-utenti u l-fornituri kollha magħrufa li huma kkonċernati kif ukoll lil dawk li ppreżentaw lilhom infushom fil-limiti taż-żmien stabbiliti fl-avviż ta' tnedija.
- Il-produttur esportatur fl-Iran
- Shahid Tondguyan Petrochemical Co. (STPC) u l-kumpaniji relatati tagħha, Bandar Imam Khomeini u Teheran;
- Produtturi esportaturi fil-Pakistan
- Novatex Limited, Karachi
- Produttur esportatur fl-Emirati Għarab Magħquda
- JBF RAK LLC, Ras Al Khaimah
- (11) Tweġibiet għall-kwestjonarju waslu mill-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati, produttur esportatur wieħed fl-Iran u l-kummerċjant relatat tiegħu, produttur esportatur wieħed fil-Pakistan u produttur esportatur wieħed fl-Emirati Għarab Magħquda, ħames produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, għaxar utenti fl-Unjoni, tliet fornituri ta' materja prima. Barra minn dan, seba' produtturi tal-Unjoni li kkooperaw ipprovdew id-dejta ġenerali mitluba għall-analiżi tal-ħsara.
- (12) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li qieset meħtieġ biex jiġu determinati s-sussidjar, il-ħsara li tirriżulta u l-interess tal-Unjoni.
- (13) Iż-żjarat ta' verifika twettqu fl-uffiċċji tal-awtoritajiet tal-Istat li ġejjin:
- Il-Gvern tal-Iran
- Il-Ministeru tal-Kummerċ Iranjan, l-Uffiċċju tar-Rappreżentanza tal-Kummerċ, Teheran, l-Iran;
  - L-Uffiċċju Doganali Iranjan, Bandar Imam Khomeini, l-Iran;
- Il-Gvern tal-Emirati Għarab Magħquda
- Il-Ministeru tal-Ekonomija u l-Industrija tal-Emirati Għarab Magħquda, Abu Dhabi, l-Emirati Għarab Magħquda;
  - RAK Investment Authority, il-Gvern ta' Ras Al Khaimah, Ras Al Khaimah, l-Emirati Għarab Magħquda;
- (14) Iż-żjarat ta' verifika saru wkoll fl-uffiċċji tal-kumpaniji li ġejjin:
- 1.3. **Perjodu ta' investigazzjoni**
- (15) L-investigazzjoni tas-sussidjar u l-ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew "PI"). L-eżaminar tat-tendenzi rilevanti għall-valutazzjoni tal-ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sa tmien il-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu meqjus").
- 2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**
- 2.1. Il-prodott ikkonċernat**
- (16) Il-prodott ikkonċernat huwa l-polyethylene terephthalate li skont l-ISO Standard 1628-5, għandu numru ta' viskożità ta' 78 ml/g jew iktar, li joriġina fl-Iran, il-Pakistan u l-EGħM ("il-prodott ikkonċernat"), li bħalissa hu klassifikat taħt il-kodiċi NM 3907 60 20.
- (17) Il-PET huwa prodott kimiku li normalment jintuża fl-industrija tal-plastik, għall-produzzjoni tal-fliexken u folji. Billi dan il-grad ta' PET huwa prodott omoġenju, ma kienx suddiviż faktar tipi ta' prodott differenti.
- 2.2. Il-prodott simili**
- (18) Mill-investigazzjoni ħareġ li l-PET prodott u mibjuġh fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni, u l-PET prodott u mibjuġh fis-wieq domestiċi tal-Iran, il-Pakistan u l-Emirati Għarab Magħquda u esportat lejn l-Unjoni, għandhom essenzjalment l-istess karatteristiċi kimiċi u fiżiċi bażiċi u l-istess użu bażiku. Għalhekk, dawn jitqiesu provviżorjament li jixxiebhu skont it-tifsira tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament bażiku.

### 3. SUSSIDJAR

#### 3.1. L-iran

##### 3.1.1. Introduzzjoni

(19) Fuq il-bażi tat-tagħrif li jinsab fl-ilment u tat-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni, l-iskemi li ġejjin, li allegatament jinvolvu l-għoti ta' sussidji minn awtorità tal-Gvern, ġew investigati:

(I) Miżuri marbuta ma' Żoni Ekonomiċi Speċjali ("SEZs") – Petrochemical SEZ

(II) Iffinanzjar min-National Petrochemical Company lill-produttur esportatur tal-PET

##### 3.1.2. Skemi Speċifiċi

#### I. Miżuri marbuta ma' Żoni Ekonomiċi Speċjali (SEZs) – Petrochemical SEZ

(20) Skont id-dispożizzjonijiet legali, kumpanija stabbilita f'SEZ tibbenefika mill-importazzjoni mingħajr dazju ta' materjal produttiv b'kundizzjoni li jintuża fil-proċess ta' produzzjoni ta' prodott għal esportazzjonijiet sussegwenti. Matul il-verifika, instab ukoll li l-kumpaniji fl-SEZs jibbenefikaw ukoll mill-importazzjoni mingħajr dazju ta' prodotti kapitali.

##### (a) Bażi Ġuridika

(21) Id-deskrizzjoni legali sħiħa tal-iskema tal-SEZs bħalissa tinsab stabbilita fil-liġijiet u r-regolamenti li ġejjin: Il-Liġi Nru 257/184168 dwar "it-Twaqqif u l-Immaniġġjar taż-Żoni Ekonomiċi Speċjali fir-Repubblika Iżlamika tal-Iran", tad-19 ta' Mejju 2005; L-approvazzjoni tal-Kummissjoni tal-Artikolu 138 tal-Att Kostituzzjonali tas-Segretarjat tal-Kunsill Għoli taż-Żoni Industrijali ta' Kummerċ Ħieles, tas-27 ta' Mejju 2007; Il-Liġi Sekondarja Eżekuttiva għat-Twaqqif u l-Immaniġġjar taż-Żoni Ekonomiċi Speċjali tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran; L-Approvazzjoni tal-Bord tal-Ministri tad-29 ta' April 2006.

(22) L-SEZ Petrokimika twaqqfet fit-30 ta' April 1997 (sena 1376 skont il-kalendarju Persjan) permezz tal-Att Nru 58548, ippubblikat fil-Gazzetta Uffiċjali Nru 15275 fil-25 ta' Mejju 1997.

##### (b) Eligiibilità

(23) Ma nstabt l-ebda regola speċifika dwar l-eliġibilità fis-sett tal-Atti Leġislattivi/Amministrattivi pprovduti mill-Gvern Iranjan matul l-investigazzjoni. Il-bini tal-fabbrika

tal-uniku produttur esportatur Iranjan li kkoopera jinsab stabbilit fl-SEZ Petrokimika ta' Mahshahr, Bandar Imam Khomeini. Skont it-tagħrif ikkomunikat mill-awtoritajiet Iranjani, din iż-żona hija l-unika SEZ Petrokimika fl-Iran.

##### (c) Implimentazzjoni Prattika

(24) Kull SEZ titqies li tinsab barra mit-territorju Doganali tal-pajjiż. Għaldaqstant, l-importazzjonijiet kollha huma eżenti mid-dazji bil-kundizzjoni li l-materjali produttivi importati jintużaw biex jipproduċu l-prodott finali maħsub għall-esportazzjoni.

(25) Sabiex jiġi mmonitorjat l-ammont ta' materja prima importata mingħajr dazju ikkunsmata fil-produzzjoni tal-prodott finali maħsub għall-esportazzjoni, l-Uffiċċji doganali jirreġistraw kemm il-konċessjoni ta' importazzjoni kif ukoll l-obbligu ta' esportazzjoni fil-waqt tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni fuq il-bażi ta' normi input-output standard speċifikati f'ċertifikat bit-titlu "Permess ta' Produzzjoni" rilaxxat mill-Ministru tas-Saħħa, id-Dipartiment Ġenerali u li hu validu għal ħames snin. Għal kull tranżazzjoni l-Uffiċċji doganali jirrilaxxaw fuq talba numru ta' kodiċi (B-Jack) li l-kumpanija teħtieġ għall-approvazzjoni doganali tal-merkanzija.

(26) Barra minn hekk, il-kumpanija tipprovdri perjodikament lill-awtorità rilevanti, l-esportazzjonijiet u l-bejgħ domestiku li beħsiebha twettaq fis-sena ta' wara. Fuq il-bażi tat-tagħrif disponibbli msemmi qabel, l-Uffiċċji doganali jivverifikaw li l-benefiċċji li minnhom gawdjet il-kumpanija ġew applikati b'mod korrett.

(27) Fir-rigward tal-bejgħ domestiku, jiġifieri l-bejgħ mill-SEZ lejn il-bqija tat-territorju, se jiġi impost dazju doganali fuq il-parti tal-materjali produttivi importati mingħajr dazju u inkorporati fil-prodott finali skont in-normi input-output standard.

##### (d) Konklużjonijiet tal-investigazzjoni

(28) Matul iż-żjara ta' verifika, instab li ma kien hemm l-ebda kriterju konkret, statutarju u disponibbli għall-pubbliku li jirregola d-deċizzjoni tal-awtorità awtorizzanti dwar liema kumpaniji huma awtorizzati li jistabbilixxu ruħhom fl-SEZ Petrokimika. Kumpanija li tixtieq tistabbilixxi ruħha f'dik iż-żona trid tippreżenta applikazzjoni lill-awtorità rilevanti iżda ma hemmx linji gwida disponibbli biex juru fuq liema bażi t-talba tista' tintlaqa' jew tiġi miċħuda. Barra minn hekk, l-Att li jistabbilixxi l-SEZ Petrokimika jafda fidejn in-National Petrochemical Company ("NPC") (azzjonista tal-uniku produttur esportatur li kkoopera) it-tmexxija u l-organizzazzjoni ta' din iż-żona għall-għan ta' attivitajiet petrokimiċi.

- (29) Instabu diskrepanzi u difetti fis-sistema. L-awtoritajiet Iranjani ma stabbilixxewx sistema ta' verifika korretta biex timmonitorja l-ammont ta' materja prima importata mingħajr dazju u kkunsmata fil-produzzjoni tal-prodott finali maħsub għall-esportazzjoni. L-STPC, l-uniku produttur li kkoopera fl-Iran, ma rrapportax il-produzzjoni effettiva miksuba mill-materja prima u l-ebda sistema ta' verifika ma ġiet applikata fil-prattika mill-NPC sabiex tikkonferma li l-materjali produttivi li għalihom ingħatat l-eżenzjoni mid-dazju, huma kkunsmati fil-produzzjoni tal-prodott esportat u l-ammonti tagħhom. In-normi input-output standard huma proporzjonijiet ta' produzzjoni proposti mill-kumpanija u aċċettati mill-Gvern, li ġejjin mill-istandard applikat fl-Industrija Petrokimika.
- (30) L-uniku produttur esportatur li kkoopera bbenefika mill-iskema ta' hawn fuq kif ukoll mill-importazzjoni mingħajr dazju tal-prodotti kapitali.
- (e) *Konklużjoni*
- (31) Meta jitqies dak kollu li ntqal hawn fuq, l-importazzjoni ta' materjali produttivi mingħajr dazju fl-SEZ trid titqies bħala sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri kontribuzzjoni finanzjarja tal-Gvern Iranjan li tat benefiċċju lill-esportatur investigat.
- (32) Barra minn hekk, l-iskema hija speċifika skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku, meta jitqies li l-leġiżlazzjoni, li skontha topera l-awtorità awtorizzanti, tillimita b'mod espliċitu l-aċċess għal din iż-żona lil ċerti impriżi li jappartjenu lis-settur petrokimiku ta' produzzjoni.
- (33) Barra minn hekk, l-iskema tiddependi fil-liġi mill-andament tal-esportazzjonijiet, u għalhekk titqies li hi speċifika u kumpensatorja skont l-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku. Mingħajr impenn għall-esportazzjoni, kumpanija ma tkunx tista' tikseb benefiċċji skont din l-iskema.
- (34) Din l-iskema ma tistax titqies sistema awtorizzata għall-ħlas lura tad-dazju jew sistema alternattiva għall-ħlas lura skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku billi ma tikkonformax mar-regoli stabbiliti fl-Anness I, b'mod partikolari l-punt (i), l-Anness II u l-Anness III tar-Regolament bażiku.
- (35) Speċifikament, il-Gvern Iranjan ma għandu l-ebda sistema jew proċedura ta' verifika fis-seħħ biex jikkonferma jekk ġewx ikkunsmati materjali produttivi fil-produzzjoni tal-prodott esportat, u f'liema kwantità (skont l-Anness II, il-parti (II), il-punt (4) tar-Regolament bażiku u, fil-każ tal-iskemi alternattivi għall-ħlas lura, l-Anness III, il-parti (II), il-punt (2) tar-Regolament bażiku). In-norms input-output standard infushom ma jistgħux jitqiesu standards speċifiċi għall-kumpanija u lanqas sistema ta' verifika tal-konsum effettiv. Dan it-tip ta' proċess ma jippermettix lill-Gvern li jivverifika bi preċiżjoni suffiċjenti liema ammonti ta' materjali produttivi ġew ikkunsmati fil-produzzjoni tal-esportazzjoni u ma' liema punt ta' riferiment tan-normi input-output standard għandhom jitqabblu. Barra minn hekk, il-Gvern ma wettaqx kontroll effettiv imsejjes fuq regjistru tal-konsum effettiv miżmum b'mod korrett. Fil-fatt, il-Gvern tal-Iran ma wettaqx eżami ulterjuri, imsejjes fuq il-materjali produttivi effettivi involuti, għalkemm dan normalment ikun irid jitwettaq fin-nuqqas ta' sistema ta' verifika applikata b'mod effettiv (skont l-Anness II, il-parti (II), il-punt (5) u, fil-każ ta' skemi alternattivi għall-ħlas lura, l-Anness III, il-parti (II), il-punt (3) tar-Regolament bażiku).
- (36) Barra minn hekk, il-benefiċċju miksub mid-dazju mhux imħallas fuq l-importazzjoni ta' prodotti kapitali jitqies ukoll bħala sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri kontribuzzjoni finanzjarja tal-Gvern Iranjan favur l-esportatur investigat. Barra minn hekk, l-iskema tiddependi fil-liġi mill-andament tal-esportazzjonijiet, u għalhekk titqies li hi speċifika u kumpensatorja skont l-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku. Mingħajr impenn għall-esportazzjoni, kumpanija ma tista' tikseb l-ebda benefiċċju taħt din l-iskema.
- (37) Din ma tistax titqies sistema awtorizzata għall-ħlas lura tad-dazju billi tikkonċerna prodotti kapitali li mhumiex ikkunsmati fil-proċess ta' produzzjoni u għalhekk, mhumiex koperti mill-ambitu tas-sistemi awtorizzati għall-ħlas lura tad-dazju stabbiliti fl-Anness I, il-punt (i) tar-Regolament bażiku.
- (38) Fid-dawl ta' dak ta' hawn fuq, is-sussidji kkonċernati jitqiesu bħala kumpensatorji.
- (f) *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*
- (39) Fin-nuqqas ta' sistemi awtorizzati għall-ħlas lura tad-dazju jew sistemi alternattivi għall-ħlas lura, il-benefiċċju jikkonsisti f'remissjoni tat-total ta' dazji tal-importazzjoni normalment dovuti mal-importazzjoni tal-materjali produttivi. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li r-Regolament bażiku ma jipprovdi biss għall-kumpens tar-remissjoni "żejda" tad-dazji. Skont l-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Anness I, il-punt (i) tar-Regolament bażiku, tista' tkun ikkumpensata biss remissjoni żejda tad-dazji, sakemm jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet fl-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Madankollu, dawn il-kundizzjonijiet ma ġewx sodisfatti fil-każ preżenti. Għaldaqstant, jekk ikun stabbilit nuqqas ta' proċess ta' monitoraġġ xieraq, l-eċċezzjoni ta' hawn fuq għal skemi ta' ħlas lura mhijiex applikabbli u tapplika r-regola normali ta' kumpens tal-ammont ta' dazji mhux imħallsa (dħul mhux miġbur), minflok kull remissjoni żejda intenzjonata.

- (40) L-ammont ta' sussidju għall-esportatur fir-rigward tal-importazzjoni mingħajr dazju ta' materjali produttivi ġie kkalkolat fuq il-bażi tad-dazji ta' importazzjoni mhux miġbura (dazju doganali bażiku) fuq il-materjal importat għall-prodott ikkonċernat matul il-PI (nominatur). Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju ġie allokat fuq il-fatturat mill-esportazzjoni ġġenerat mill-prodott ikkonċernat matul il-PI, għax is-sussidju jiddependi mill-andament tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.
- (41) Ir-rata tas-sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-PI għall-produttur esportatur tammonta għal 1,13 %.
- (42) Barra minn hekk, il-benefiċċju miksub mid-dazju doganali mhux imħallas fuq l-importazzjoni ta' prodotti kapitali ma jistax jitqies bħala sistema awtorizzata għall-ħlas lura tad-dazju billi jikkonċerna prodotti kapitali li mhumiex ikkunsmati fil-proċess ta' produzzjoni. L-ammont ta' sussidju kien ikkalkulat, skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tad-dazju doganali mhux imħallas fuq l-importazzjoni ta' prodotti kapitali, mifruq fuq perjodu ta' 15-il sena li jirrifletti l-perjodu ta' deprezzament minimu li nstab fit-tliet pajjiżi kollha involuti fl-investigazzjoni attwali b'rabta mal-industrija kkonċernata. Skont il-prassi stabbilita, l-ammont ikkalkulat b'dan il-mod, li jista' jiġi attribwit għall-PI, ġie aġġustat permezz taż-żieda tal-imġax matul dan il-perjodu sabiex ikun rifless il-valur totali tal-benefiċċju maż-żmien. Ir-rata tal-imġax kummerċjali matul il-PI fl-Iran tqieset xierqa għal dan il-għan.
- (43) Skont l-Artikoli 7(2) u 7(3) tar-Regolament bażiku dan l-ammont ta' sussidju (bħala nominatur) ġie allokat fuq il-fatturat totali mill-esportazzjoni matul il-PI, għax is-sussidju jiddependi mill-andament tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati. Ir-rata tas-sussidju stabbilita fir-rigward ta' dan is-sussidju matul il-PI għall-produttur esportatur tammonta għal 0,93 %.
- (44) Ir-rata tas-sussidju totali stabbilita fir-rigward tal-miżuri ta' hawn fuq matul il-PI għall-produttur esportatur tammonta għal 2,06 %.

## **II. Iffinanzjar min-National Petrochemical Company lill-produttur esportatur tal-PET**

- (45) Din l-iskema tikkonsisti fi trasferiment dirett ta' fondi li ma jistgħux jitħallsu lura, min-NPC lill-uniku produttur esportatur Iranjan li kkoopera.

### *(a) Konklużjonijiet tal-investigazzjoni*

- (46) L-investigazzjoni stabbilixxiet li l-NPC hi l-unika azzjonista tal-STPC, u tippossiedi 75 % tal-ishma tagħha. L-

azzjonisti l-oħra huma l-Petroleum Ministry Retirement & Welfare Fund, li tippossiedi 15 % tal-ishma u l-Justice Shares Broker Co., li tippossiedi 10 % tal-ishma. Ġie stabbilit matul iż-żjara ta' verifika li l-NPC ffinanzjat parti sostanzjali tal-ispiża kapitali tal-STPC u tal-kapital tagħha li jiċċirkola kif ukoll il-pagamenti tas-self bankarju tal-STPC matul l-iskadenza tagħhom. Għaldaqstant, kif jidher ċar fid-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Verifikati għas-sena finanzjarja li tkopri l-PI, il-kontinwazzjoni tal-attività tal-produttur esportatur li kkoopera tiddependi fuq is-sostenn finanzjarju tal-azzjonist ewlieni li hu kollu fipussess tal-Kumpanija Nazzjonali Iranjana taż-Żejt, li tappartjeni lill-Ministeru Iranjan għaż-Żejt.

- (47) Barra minn hekk, l-injezzjonijiet ta' likwidità għall-STPC mhumiex irrapportati bħala self mogħti fil-kontijiet tal-kumpanija.

- (48) Id-dejn tal-STPC fil-konfront tal-NPC, kif ġie ddikjarat b'mod ċar fid-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Verifikati tal-STPC li jibqgħu validi sal-20 ta' Marzu 2009, jammonta għal 51 % tal-assi totali tagħha. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-Artikolu 141 tal-Abbozz ta' Liġi Iranjan li Jemenda l-Kodiċi Kummerċjali jirrikjedi li l-azzjonist jiddeċiedi dwar ix-xoljiment jew il-kontinwazzjoni tal-kumpanija kull meta kwalunkwe kumpanija tkun trid talloka mill-inqas nofs il-kapital tagħha biex tkopri t-telf li jkun sar.

- (49) Sa issa ma ttieħdet l-ebda azzjoni mill-NPC, bħala azzjonista ewlenija tal-STPC, sabiex jiżded il-kapital tal-STPC biex il-qagħda finanzjarja terġa' tqum fuq saqajha, għalkemm fil-Laqgħa tal-Assemblea Ġenerali tal-STPC tat-3 ta' Ġunju 2009 ġie deċiż li l-qagħda tad-dejn tal-kumpanija lill-NPC għandha tiġi ċarata.

- (50) L-investigazzjoni stabbilixxiet ukoll li t-trasferiment ta' fondi deskritt hawn fuq hija prassi rikorrenti li ilha ssir għal għadd ta' snin. Tabilħaqq, id-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Verifikati rilevanti jiżvelaw li l-fondi li ma jistgħux jitħallsu lura ġew akkumulati sa mill-bidu tal-attività tal-kumpanija, kif ġie ċċertifikat fid-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Verifikati sa mis-sena finanzjarja 2004.

### *(b) Konklużjoni*

- (51) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, dan is-sostenn finanzjarju mill-NPC jista' jitqies bħala sussidju billi huwa prassi tal-gvern li tippovdi kontribuzzjoni finanzjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku, jiġifieri trasferiment dirett tal-fondi fil-forma ta' flussi ta' kapital li jiċċirkola u għotjiet biex ikopru l-ħlas lura tas-self. Barra minn hekk, il-fatt li l-fondi li ma jistgħux jitħallsu lura ilhom jiġu akkumulati mill-inqas sa mill-2004 jikkonferma li dan huwa sussidju rikorrenti, li l-għan tiegħu hu li jżomm l-attività tal-uniku produttur esportatur Iranjan li kkoopera.

- (52) Barra minn hekk, l-NPC għandha titqies entità pubblika fuq il-bażi tal-fatturi li ġejjin: 1) Proprietà tal-gvern: L-NPC hija proprietà 100 % tal-istat, sussidjarja tal-Kumpanija Nazzjonali Iranjana taż-Żejt li hi kollha kemm hi proprietà tal-Ministeru għaż-Żejt; 2) L-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tal-NPC ġew approvati permezz ta' proċedura leġiżlattiva; 3) L-Assemblea ġenerali tar-Rappreżentanti tal-Azzjonisti hi magħmula minn sitt Ministri inkluż il-Prim Ministru, u tnejn mid-diretturi tal-Kumpanija Nazzjonali Iranjana taż-Żejt, maħtura mill-President tal-Bord tad-Diretturi u mid-Direttur Maniġerjali tal-Kumpanija Nazzjonali Iranjana taż-Żejt. Fi kliem ieħor, il-gvern jeżerċita kontroll totali fuq l-NPC; 4) L-NPC hi responsabbli mill-iżvilupp u t-tħaddim tas-settur petrokimiku tal-pajjiż u għal din ir-raġuni ngħatat il-kariga li tmexxi ż-Żona Ekonomika Speċjali Petrokimika.
- (53) Fir-rigward tal-eżistenza ta' benefiċċju mogħti lill-kumpanija benefiċjarja, l-investigazzjoni stabbilixxiet li l-STPC, kif hi magħmula bħalissa, ma setgħetx tkompli topera mingħajr is-sostenn finanzjarju tal-NPC. Din il-prassi mhijiex konsistenti mal-prassi normali ta' investiment tal-investituri privati billi l-ebda organizzazzjoni kummerċjali ma kienet se tkompli tinjetta dawn il-fondi li ma jistgħux jitħallsu lura.
- (54) Dan l-intervent ta' finanzjament tal-NPC hu speċifiku skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku, meta jitqies li l-awtorità awtorizzanti tillimita b'mod espliċitu l-aċċess għal dak is-sussidju lill-STPC biss, b'konformità mal-politika tagħha ta' żvilupp tas-Settur Petrokimiku.
- (55) Meta jitqies dan ta' hawn fuq, dan is-sussidju jitqies bħala kumpensatorju.
- (c) *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*
- (56) L-ammont ta' sussidju kumpensatorju hu kkalkolat f'termini tal-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarju, li nstab li jeżisti matul il-PI. Il-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarju jitqies li hu l-ammont totali ta' fondi li ma jistgħux jitħallsu lura, kif irrapporat mill-produttur esportatur li kkoopera fil-kontijiet tiegħu. Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju (nominatur) ġie allokati fuq il-bażi tal-fatturat totali tal-kumpanija b'rabta mal-bejgħ matul il-PI, għaliex is-sussidju ma jiddependix mill-andament tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.
- (57) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-PI għall-uniku produttur esportatur li kkoopera tammonta għal 51,02 %.
- 3.1.3. *Ammont ta' sussidji kumpensatorji*
- (58) L-ammont provviżorju ta' sussidji kumpensatorji skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku, espress *ad*

*valorem*, għall-uniku produttur esportatur Iranjan li kkoopera hu ta' 53,08 %.

### 3.2. Il-pakistan

- (59) Fuq il-bażi tat-tagħrif li jinsab fl-ilment u tat-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni, l-iskemi li ġejjin, li allegatament jinvolvu l-għoti ta' sussidji minn awtorità tal-Gvern, ġew investigati:
- (I) Skema ta' Manifattura taħt Kontroll Doganali
- (II) Importazzjonijiet ta' impjanti, makkinarju u tagħmir taħt l-iskema ta' Manifattura taħt Kontroll Doganali
- (III) Protezzjoni tariffarja fuq xiri ta' PTA fis-suq domestiku
- (IV) Reġim ta' Taxxa Finali (FTR)
- (V) Sistema ta' Finanzjament tal-Esportazzjonijiet b'Rata Fissa fuq Medda Twila ta' Żmien (LTF-EOP)
- (VI) Skema ta' Finanzjament tal-Esportazzjonijiet mill-Bank Nazzjonali tal-Pakistan (EFS)
- (VII) Finanzjament skont iċ-Ċirkulari F.E. Nru 25 tal-Bank Nazzjonali tal-Pakistan

#### 3.2.1. *Skemi Speċifiċi*

##### I. *Skema ta' Manifattura taħt Kontroll Doganali*

- (60) Din l-iskema tippermetti l-importazzjoni ta' materjal produttiv mingħajr dazju b'kundizzjoni li jintuża għal esportazzjonijiet sussegwenti.
- (a) *Bażi Ġuridika*
- (61) L-iskema hi msejsa fuq l-Att Doganali tal-1969, kif emendat fit-30 ta' Ġunju 2008. It-taqsim 219 (Kapitolu XX) ta' dan l-Att Doganali tawtorizza lill-Bord Ċentrali tad-Dħul li joħroġ Notifiki dwar il-politika ta' esportazzjoni u importazzjoni. Għaldaqstant, il-Kapitolu XV tar-Regoli Doganali tal-2001 (SRO 450(I)/2001, ippubblikat fit-18 ta' Ġunju 2001) jipprovdi regolamentazzjoni dettaljata għall-eżenzjoni mid-dazju ta' prodotti importati fil-maħżen tal-manifattura taħt kontroll doganali.
- (b) *Eliġibbiltà*
- (62) Sabiex wieħed jibbenefika mill-iskema ta' Manifattura taħt Kontroll Doganali, jeħtieġ li tinkiseb liċenzja maħruġa mis-Servizz Doganali kompetenti (Customs Collectorate) lil kull persuna jew ditta li tapplika, kif deskritt fl-Artikolu 343 tar-Regoli Doganali tal-2001, il-Kapitolu XV.

(c) *Implimentazzjoni Prattika*

- (63) Fil-waqt tal-importazzjoni ta' materjali produttivi, il-kumpanija li ttiproduci trid issemmi n-numru SRO 450/(l)/2001 fuq il-formola ta' dikjarazzjoni Doganali, jiġifieri d-"Dikjarazzjoni tal-Merkanzija". Madankollu, Garanzija ta' Indennizz u ċekkijiet postdatati fl-ammont tad-dazju doganali u tat-taxxa fuq il-bejgħ huma depożitati mad-Dipartiment Doganali u jibqgħu validi għal perjodu ta' tliet snin. Din il-garanzija hi rilaxxata mid-Dwana meta l-kumpanija tipprovdi evidenza tal-esportazzjoni tal-prodotti finali.
- (64) Il-prodotti finali manifatturati minn materjali produttivi importati jiġu rreġistrati fir-Reġistru tal-Manifattura taħt Kontroll Doganali u l-materja prima hi aġġustata skont il-proporzjonijiet tal-materjali produttivi ċertifikati fiċ-Ċertifikat ta' Analiżi. Dan iċ-ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment Doganali jiddikjara l-proporzjonijiet input-output tal-materja prima kollha għall-manifattura, 1 000 kg tal-prodott ikkonċernat. Dawn il-proporzjonijiet input-output huma proposti mill-kumpanija u aċċettati mill-Gvern, u ġejjin mill-istandard applikat fl-Industrija kkonċernata.
- (65) Fil-waqt tal-esportazzjoni, jiġi indikat fuq id-Dikjarazzjoni Doganali tal-Merkanzija li l-esportazzjonijiet ġejjin mill-Imħażen taħt Kontroll Doganali u jiġi mehmuż dokument li jindika l-konsum ta' materjali produttivi użati fil-manifattura tal-prodotti finali għall-esportazzjoni, mad-Dikjarazzjoni Doganali tal-Merkanzija. Wara li jiġu eżaminati l-aspetti kollha tad-Dikjarazzjoni tal-Merkanzija, l-uffiċjal Doganali kkonċernat jawtorizza l-esportazzjoni tal-prodotti finali.
- (66) Meta l-importazzjonijiet tal-materjali produttivi jiġu kkunsmati b'konformità mal-esportazzjoni rispettiva tal-prodotti finali fir-Reġistru tal-Manifattura taħt Kontroll Doganali, il-kumpanija tippreżenta ittra lid-Dipartiment Doganali flimkien ma' kopja tad-Dikjarazzjoni tal-Importazzjoni tal-Merkanzija u l-Poloż tat-Tagħbija marbuta mal-esportazzjoni flimkien ma' taqsira/rikkonċiljazzjoni li turi l-konsum ta' materja prima u l-esportazzjoni tagħha fil-forma ta' prodotti finali skont l-iskema ta' Manifattura taħt Kontroll Doganali. Għaldaqstant, l-uffiċjal Doganali joħroġ il-Garanzija ta' Indennizz u ċ-ċekkijiet postdatati ddepożitati fil-waqt tal-importazzjoni tal-materjali produttivi.

(d) *Konklużjonijiet tal-investigazzjoni*

- (67) L-uniku produttur esportatur li kkoopera kiseb benefiċċi skont l-iskema ta' Manifattura taħt Kontroll Doganali.
- (68) Iż-żjara ta' verifika stabbilixxiet li, fil-prattika, l-awtoritajiet Pakistani ma applikawx sistema ta' verifika korretta biex timmonitorja l-ammont ta' materja prima importata mingħajr dazju u kkunsmata fil-produzzjoni tal-prodott

finali maħsub għall-esportazzjoni. Instabu diskrepanzi u difetti serji fis-sistema meta mqabbla mas-sistema ta' ħlas lura stabbilita fid-dispożizzjonijiet legali (il-Kapitolu XV tar-Regoli Doganali tal-2001).

- (69) Fil-maħżen taħt kontroll doganali, iż-żona ta' manifattura u l-imħażen separati tal-prodotti finali, prodotti mwarra u skart, ma ġewx identifikati b'mod ċar fl-istabbilimenti. Il-materja prima importata mingħajr dazju biss ġiet separata mill-oġġetti produttivi miksuba lokalment. L-istabbilimenti tal-maħżen, jiġifieri il-maħżen taħt kontroll doganali u l-maħżen ta' manifattura taħt kontroll doganali, ma kinux jinsabu f'żona indipendenti bi dħul jew ħruġ indipendenti minn żona pubblika u mingħajr ebda dħul jew ħruġ ieħor, kif previst fl-Artikolu 349 tal-Kapitolu XV imsemmi hawn fuq.
- (70) Ir-reġistru rilevanti tal-oġġetti produttivi li waslu, ġew immanifatturati u esportati ma nżammx fuq il-bażi tal-konsum effettiv. Il-konsum teoretiku biss ġie rreġistrat, skont Ċertifikat ta' Analiżi, bil-proporzjonijiet input-output tal-materja prima kollha għall-produzzjoni ta' 1 000 kg ta' prodotti finali. Dawn in-normi input-output huma stabbiliti mill-awtoritajiet u jiġu riveduti perjodikament iżda ma hemm l-ebda regola ċara u l-ebda evidenza ta' kif jitwettqu dawn ir-reviżjonijiet.
- (71) Barra minn hekk, il-Gvern tal-Pakistan ma implimenta l-ebda sistema ta' verifika effettiva fil-prattika. L-awtoritajiet iddikjaraw li huma jwettqu verifiki fuq id-dokumentazzjoni miżmuma mill-kumpaniji iżda dan isir billi josservaw dak li l-kumpaniji jirrapportaw għal kull proporzjon input-output standard u mhux il-kwantità effettiva li ġiet prodotta.
- (72) L-awtoritajiet iddikjaraw li ċ-Ċertifikat ta' Analiżi tal-PET rilevanti għall-uniku produttur esportatur li kkoopera ġie rivedut mill-2002 (meta ħareġ l-ewwel Ċertifikat ta' Analiżi) sal-Pi. B'sostenn għal din id-dikjarazzjoni, l-awtoritajiet ipprovdew kopja ta' reviżjoni waħda li saret fl-2004. Madankollu, għalkemm din ir-reviżjoni rriżultat f'restrizzjoni fuq l-ammont ta' materja prima awtorizzata għall-importazzjoni mingħajr dazju, ma twettaq l-ebda kontroll tal-investigazzjoni fuq remissjoni żejda rigward id-dazji mhux miġbura. Minn dakinhar li sar l-aġġustament taċ-Ċertifikat ta' Analiżi 'l quddiem, il-produttur esportatur li kkoopera sempliċiment aġġusta r-reġistrazzjoni tal-kwantitajiet tiegħu fir-Reġistru ta' Manifattura taħt Kontroll Doganali skont il-produzzjoni prevista fiċ-Ċertifikat ta' Analiżi. Sa mill-2004, minkejja l-evidenza ċara li l-proċess ta' produzzjoni jista' jwassal għall-produzzjoni superjuri ta' materja prima (u għalhekk għal remissjoni żejda ta' dazji), ma twettqet l-ebda reviżjoni taċ-Ċertifikat ta' Analiżi u l-ebda investigazzjoni dwar il-konsum effettiv ta' materja prima użata mill-produttur esportatur li kkoopera.

(e) *Konklużjoni*

- (73) Meta jitqies dak kollu li ntqal hawn fuq, l-Iskema ta' Manifattura taħt Kontroll Doganali trid titiqes bħala sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, fil-forma ta' dħul tal-gvern mhux miġbur li jibbenefika lill-kumpanija benefiċjarja.
- (74) Barra minn hekk, din l-iskema ta' sussidju tista' titqies speċifika, billi hi pprovduta lil kumpaniji li jimmanifatturaw prodotti li jridu jgħaddu mid-dwana u jespportaw il-merkanzija; għaldaqstant, din tiddependi fil-liġi mill-andament tal-espportazzjoni skont l-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku.
- (75) Barra minn hekk, din l-iskema ma tistax titqies bħala sistema awtorizzata għall-ħlas lura tad-dazju jew sistema alternattiva għall-ħlas lura skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Din ma tikkonformax mar-regoli stretti stabbiliti fl-Anness I, b'mod partikolari l-punt (i), l-Anness II u l-Anness III tar-Regolament bażiku.
- (76) Speċifikament, il-Gvern tal-Pakistan ma applikax b'mod effettiv is-sistema jew il-proċedura ta' verifika tiegħu biex jikkonferma jekk ġewx ikkunsmati materjali produttivi fil-produzzjoni tal-prodott espportat, u f'liema kwantità (skont l-Anness II, il-parti (II), il-punt (4) tar-Regolament bażiku u, fil-każ tal-iskemi alternattivi għall-ħlas lura, l-Anness III, il-parti (II), il-punt (2) tar-Regolament bażiku). Il-proporzjonijiet input-output ma jistgħux jitqiesu standards speċifiċi għall-kumpanija u lanqas sistema ta' verifika tal-konsum effettiv. Dan it-tip ta' proċess ma jippermettix lill-Gvern li jiverifika bi preċiżjoni suffiċjenti liema ammonti ta' materjali produttivi ġew ikkunsmati fil-produzzjoni maħsuba għall-espportazzjoni. Barra minn hekk, ma sarx kontroll effettiv mill-Gvern imsejjes fuq reġistru tal-konsum miżmum b'mod korrett. Barra minn hekk, il-Gvern tal-Pakistan ma għamilx eżami ulterjuri msejjes fuq il-materjali produttivi effettivament involuti, għalkemm dan normalment ikollu jsir fin-nuqqas ta' sistema ta' verifika applikata b'mod effettiv (l-Anness II, parti (II), punt (5) u l-Anness III, parti (II), punt (3) tar-Regolament bażiku).
- (77) Meta jitqies dan ta' hawn fuq, dan is-sussidju jitqies bħala kumpensatorju.

(f) *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

- (78) Fin-nuqqas ta' sistemi awtorizzati għall-ħlas lura tad-dazju jew sistemi alternattivi għall-ħlas lura, il-benefiċċju jikkonsisti f'remissjoni tat-total ta' dazji tal-importazzjoni normalment dovuti mal-importazzjoni tal-materjali produttivi. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li r-Regolament bażiku ma jipprovdix biss għall-kumpens tar-remissjoni "żejda" tad-dazji. Skont l-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Anness I, il-punt (i) tar-Regolament bażiku, tista' tkun ikkumpensata biss remissjoni żejda tad-dazji, sakemm

jiggu sodisfatti l-kundizzjonijiet fl-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Madankollu, dawn il-kundizzjonijiet ma ġewx sodisfatti fil-każ preżenti. Għaldaqstant, jekk ikun stabbilit nuqqas ta' proċess ta' monitoraġġ xieraq, l-eċċezzjoni ta' hawn fuq għal skemi ta' ħlas lura mhijiex applikabbli u tapplika r-regola normali ta' kumpens tal-ammont ta' dazji mhux imħallsa (dħul mhux miġbur), minflok kull remissjoni żejda intenzjonata.

- (79) L-ammont ta' sussidju għall-espportatur ġie kkalkolat fuq il-bażi ta' dazji ta' importazzjoni mhux miġbura (dazju doganali bażiku) fuq il-materjal importat taħt l-iskema ta' Manifattura taħt Kontroll Doganali użata għall-prodott ikkonċernat matul il-PI (nominatur). Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju ġie allokata fuq il-fatturat mill-espportazzjoni ġġenerat mill-prodott ikkonċernat matul il-PI, għax is-sussidju jiddependi mill-andament tal-espportazzjoni u ma nġhatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, espportati jew trasportati.
- (80) Ir-rata tas-sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-PI għall-produttur espportatur tammonta għal 2,57 %.

## II. *Importazzjonijiet ta' impjanti, makkinarju u taġħmir taħt l-iskema ta' Manifattura taħt Kontroll Doganali*

- (81) Din l-iskema awtorizzata l-importazzjoni mingħajr dazju ta' impjanti u makkinarju maħsuba għall-Manifattura taħt Kontroll Doganali u importati sat-30 ta' Ġunju 2004. Il-makkinarju u l-ispare parts mhux manifatturati lokalment kellhom jiggu importati għat-twaqqif ta' unità ta' manifattura jew għall-espansjoni, ibbilanċjar, immodernizzar u sostituzzjoni ta' unitajiet eżistenti taħt kontroll doganali.
- (a) *Bażi Ġuridika*
- (82) L-iskema hi pprovduta mill-SRO Nru 554(I)/98, tat-12 ta' Ġunju 1998.
- (b) *Eliġibbiltà*
- (83) Sabiex jibbenefika minn din l-iskema, l-importatur kellu jiddikjara lill-awtoritajiet Doganali li l-makkinarju ġie installat jew użat kif suppost fl-istabbilimenti taħt kontroll doganali.

(c) *Implimentazzjoni prattika*

- (84) L-importatur fil-waqt tal-importazzjoni, kellu jissodisfa lir-Riċevitur tad-Dwana li l-makkinarju jew l-ispare parts kienu importati għat-twaqqif ta' unità ta' manifattura taħt kontroll doganali u jipprovdix garanzija ta' indennizz ekwivalenti għall-ammont tad-dazju doganali. Il-garanzija ta' indennizz imsemija kienet tiġi rilaxxata malli jiġi ppreżentat iċ-ċertifikat ta' installazzjoni tal-makkinarju importat.

(d) *Konklużjonijiet tal-investigazzjoni*

- (85) Din l-iskema baqgħet tintuża sa Ġunju 2004 u l-uniku produttur esportatur li kkoopera kiseb benefiċċju għall-importazzjoni ta' parti waħda mill-impjant tiegħu bejn l-2002 u l-2003.

(e) *Konklużjoni*

- (86) Meta jitqies dak kollu li ntqal hawn fuq, l-iskema trid titqies bħala sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, fil-forma ta' dħul tal-gvern mhux miġbur li jibbenefika lill-kumpanija benefiċjarja.

- (87) Din l-iskema ta' sussidju tista' titqies speċifika, billi hi pprovduta lil kumpaniji li jimmanifatturaw prodotti li jridu jgħaddu mid-dwana u jesportaw il-merkanzija; għaldaqstant, din tiddependi fil-liġi mill-andament tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku.

- (88) Barra minn hekk, il-benefiċċju miksub mid-dazju mhux imħallas fuq l-importazzjoni ta' prodotti kapitali ma jistax jitqies sistema awtorizzata għall-ħlas lura tad-dazju billi jikkonċerna prodotti kapitali li mhumiex ikkunsmati fil-proċess ta' produzzjoni u għalhekk, mhumiex koperti mill-ambitu tas-sistemi awtorizzati għall-ħlas lura tad-dazju stabbiliti fl-Anness I, il-punt (i) tar-Regolament bażiku.

- (89) Meta jitqies dan ta' hawn fuq, dan is-sussidju jitqies bħala kumpensatorju.

(f) *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

- (90) L-ammont ta' sussidju kien ikkalkulat, skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tad-dazju doganali mhux imħallas fuq l-importazzjoni ta' prodotti kapitali, mifrux fuq perjodu ta' 15-il sena li jirrifletti l-perjodu ta' deprezzament minimu li nstab fit-tliet pajjiżi kollha involuti fl-investigazzjoni attwali b'rabta mal-industrija kkonċernata. Skont il-prattika stabbilita, l-ammont ikkalkulat b'dan il-mod, li jista' jiġi attribwit għall-PI, ġie aġġustat permezz taż-żieda tal-imgħax matul dan il-perjodu sabiex ikun rifless il-valur totali tal-benefiċċju maż-żmien. Ir-rata tal-imgħax kummerċjali matul il-PI fil-Pakistan tqieset xierqa għal dan il-għan.

- (91) Skont l-Artikoli 7(2) u 7(3) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju (bħala numeratur) ġie allokat fuq il-fatturat totali mill-esportazzjoni matul il-PI, għax is-

sussidju jiddependi mill-andament tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

- (92) Ir-rata tas-sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-PI għall-produttur esportatur tammonta għal 0,01 %.

III. *Protezzjoni tariffarja fuq xiri ta' PTA fis-sug domestiku*

- (93) L-iskema tipprovdri rifużjoni finanżjarja għal xiri domestiku ta' PTA (il-materja prima ewlenija użata fil-produzzjoni ta' PET) prodott fil-Pakistan għal 7,5 % tal-prezz tal-bejgħ tal-fattura.

(a) *Bażi Ġuridika*

- (94) L-iskema hi msejsa fuq l-SRO Nru 1045(I)/2008 tad-19 ta' Settembru 2008, emendata bl-SRO Nru 1299(I)/2008 tat-22 ta' Diċembru 2008, u tippermetti lill-konsumaturi u l-utenti kollha tal-PTA li jiksbu rifużjoni ta' 7,5 % tax-xiri tagħhom ta' PTA miksub lokalment.

(b) *Eliġibbiltà*

- (95) Din l-iskema hija Sostenn Kumpensatorju għall-utenti jew il-konsumaturi tal-PTA elenkati fl-SRO msemmija qabel u għal kull utent ieħor approvat mill-Ministeru tal-Industrija tat-Tessuti li jsir eliġibbli fil-ġejjieni. Dan is-Sostenn Kumpensatorju hu pprovdut biex ipatti għall-impatt tal-PTA miksub jew importat lokalment permezz tal-Bank Nazzjonali tal-Pakistan. Il-formoli ta' applikazzjoni biex wieħed jibbenefika mill-iskema jinsabu meħmuża mal-SROs. Barra minn hekk, lista tal-kumpaniji benefiċjarji tal-iskema hi pprovduta direttament fl-SRO Nru 1045(I)/2008.

(c) *Implimentazzjoni Prattika*

- (96) Din ir-rifużjoni hi sostenn kumpensatorju/protezzjoni tariffarja għall-industrija tal-poliester u hi mmexxija mill-Bank Nazzjonali tal-Pakistan. Jekk il-PTA jiġi importat, jitħallas dazju għall-importazzjoni ta' 7,5 %.

- (97) Jekk il-PTA jinxtara mingħand manifattur Pakistani li jipproduċi l-PTA lokalment, jiġi identifikat komponent tal-prezz ta' 7,5 % fuq il-fattura mibgħuta lix-xerrej mill-produttur domestiku tal-PTA. Għaldaqstant, ix-xerrej jikseb rifużjoni ta' dawn is-7,5 % fuq talba.

(d) *Konklużjonijiet tal-investigazzjoni*

- (98) L-investigazzjoni stabbilixxiet li fil-prattika l-iskema tipprovdì finanzjament dirett lill-industrija tal-poliester tal-Pakistan. L-SROs huma maħsuba biex jiffavorixxu l-ksib ta' PTA prodott lokalment. Dan is-sostenn għall-PTA prodott lokalment jitqies bħala finanzjament dirett lixxerrej. L-investigazzjoni stabbilixxiet li l-uniku produttur esportatur li kkoopera kien elenkat b'mod espliċitu fl-SRO rilevanti bħala benefiċjarju ta' din l-iskema. Fil-fatt, l-SRO rilevanti semmiet biss tmien kumpaniji fil-Pakistan bħala partijiet li għandhom dritt għal din l-iskema. Għalhekk, il-produttur esportatur li kkoopera kiseb benefiċċji marbuta mas-Sostenn Kumpensatorju għall-PTA.

(e) *Konklużjoni*

- (99) Meta jitqies dak kollu li ntqal hawn fuq, din l-iskema titqies bħala sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(i) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku għaliex tipprovdì kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' trasferiment dirett ta' fondi li jibbenefikaw b'mod ċar lill-kumpanija benefiċjarja.
- (100) Barra minn hekk, l-iskema hi speċifika skont it-tifsira tal-Artikolu 4(4)(b) tar-Regolament bażiku, billi s-sussidju jiddependi fuq l-użu ta' merkanzija domestika minflok dik importata.
- (101) Barra minn hekk, dan is-sussidju jista' jitqies ukoll speċifiku skont it-tifsira tal-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku, billi l-leġiżlazzjoni nnfisha tillimita b'mod espliċitu l-aċċess għal din l-iskema għal ċerti impriżi li jappartjenu għall-industrija tal-poliester.
- (102) Għaldaqstant, dan is-sussidju jitqies bħala kumpensatorju.

(f) *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

- (103) L-ammont ta' sussidju kumpensatorju hu kkalkolat f'termini tal-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarju, li nstab li jeżisti matul il-PI. Il-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarju jitqies li hu l-ammont totali tar-rifużjoni finanzjarja, kif irrapportat mill-produttur esportatur li kkoopera fil-kontijiet tiegħu.
- (104) Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju (nominatur) ġie allokat fuq il-bażi tal-fatturat totali tal-kumpanija b'rabta mal-bejgħ matul il-PI, għaliex is-sussidju ma jiddependix mill-andament tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.
- (105) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-PI għall-uniku produttur esportatur li kkoopera tammonta għal 2,38 %.

IV. *Reġim ta' Taxxa Finali (FTR)*

- (106) Taħt din l-iskema, kumpanija tista' tibbenefika minn reġim ta' taxxa speċjali fuq il-fatturat mill-esportazzjoni tiegħu.

(a) *Bażi Ġuridika*

- (107) L-iskema hi msejsa fuq it-Taqsimiet 154 u 169 tal-Ordinanza dwar it-Taxxa fuq id-Dħul tal-2001 (ITO) u d-Diviżjoni IV tal-Parti III tal-Ewwel Skeda tal-ITO 2001.

(b) *Eliġibbiltà*

- (108) Din l-iskema hi sistema ta' tassazzjoni tad-dħul fuq il-bażi tal-fatturat mill-esportazzjoni u hi aċċessibbli għal kull esportatur fil-mument li jseħħ id-dħul mill-bejgħ tal-merkanzija.

(c) *Implimentazzjoni Prattika*

- (109) Taxxa minn ras il-għajn ta' 1 % titnaqqas minn bank awtorizzat fuq il-valur tat-tranżazzjoni ta' esportazzjoni fil-mument li jinġabar id-dħul mill-bejgħ, irrispettivament minn kwalunkwe qligħ tal-kumpanija. Min-naħa l-oħra, id-dħul taxxabli tal-kumpaniji fuq l-attivitajiet domestiċi tagħhom hu suġġett għal taxxa fuq id-dħul ta' 35 %.
- (110) Dan it-tnaqqis ta' taxxa, applikat direttament fuq id-dħul f'munita barranija, għandu jitqies bħala taxxa finali fuq id-dħul li ġej mit-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni. Mhu awtorizzat l-ebda tnaqqis għal infiq marbut mat-twettiq tal-fatturat mill-esportazzjoni.

(d) *Konklużjonijiet tal-investigazzjoni*

- (111) L-investigazzjoni stabbilixxiet li fil-prattika l-iskema tipprovdì trattament tat-taxxa speċjali u favorevoli għall-esportaturi. Għalkemm il-parti tal-ispejjeż marbuta mal-fatturat mill-esportazzjoni ma tistax titnaqqas, ir-rata ta' taxxa baxxa ta' 1 % tal-fatturat totali mill-esportazzjoni tirrappreżenta sistema ta' taxxa vantaġġjuża meta mqabbla mar-reġim ta' taxxa normali fejn rata ogħla ta' 35 % tiġi applikata fuq id-dħul normali, sakemm il-qligħ mill-esportazzjonijiet jiġi ntaxxat b'rata aktar baxxa minn dak miksub fuq il-bejgħ domestiku. Il-produttur esportatur li kkoopera kiseb benefiċċji li ġejjin mill-iskema FTR.

(e) *Konklużjoni*

- (112) Sa fejn dan ir-reġim ta' taxxa jirriżulta fi qligħ minħabba l-fatt li l-esportazzjonijiet huma ntaxxati b'rata aktar baxxa mill-bejgħ domestiku, din l-iskema titqies bħala sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku fil-forma ta' dħul tal-gvern mhux miġbur li jibbenefika lill-kumpanija benefiċjarja.

(113) Barra minn hekk, dan is-sussidju jista' jitqies bħala speċifiku skont it-tifsira tal-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku, billi s-sussidju jiddependi mill-andament tal-esportazzjonijiet.

(114) Għaldaqstant, dan is-sussidju jitqies bħala kumpensatorju.

(f) *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(115) L-ammont ta' sussidju kumpensatorju hu kkalkolat f'termini tal-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarju, li nstab li jeżisti matul il-PI. Il-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarju jitqies bħala l-ammont tat-taxxa totali li trid titħallas skont id-dħul marbut mar-riċevuti suġġetti għall-FTR (esportazzjonijiet), wara t-tnaqqis tal-FTR imħallas (1 % tal-fatturat mill-esportazzjoni). Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju (nominatur) ġie allokat fuq il-bażi tal-fatturat totali tal-esportazzjoni tal-kumpanija matul il-PI, għaliex is-sussidju jiddependi mill-andament tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(116) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-PI għall-produttur esportatur li tammonta għal 1,95 %.

**V. Sistema ta' Finanzjament tal-Esportazzjonijiet b'Rata Fissa fuq Medda Twila ta' Żmien (LTF-EOP)**

(117) L-għan tal-Finanzjament fuq Medda Twila ta' Żmien għall-Proġetti Orjentati lejn l-Esportazzjoni (LTF-EOP) hu li jippermetti lill-istituzzjonijiet finanzjarji eliġibbli li jipprovdu faċilitajiet ta' finanzjament b'kundizzjonijiet u termini attraenti lil min jissellef għall-importazzjoni ta' makkinarju, impjanti, tagħmir u aċċessorji tagħhom.

(a) *Bażi Ġuridika*

(118) Il-bażijiet ġuridiċi jingħataw taħt it-Taqsima 17(2)(a)/17(4)(c) u t-Taqsima 22 li tinqara flimkien mat-Taqsima 17(2)(d) rispettivament tal-Att tal-1956 dwar il-Bank Nazzjonali tal-Pakistan. Id-dettalji tal-iskema huma mfissra fiċ-Ċirkulari Nru 14, tat-18 ta' Mejju 2004, tal-Bank Nazzjonali tal-Pakistan ("SBP").

(b) *Eliġibbiltà*

(119) Kif ġie ddikjarat b'mod espliċitu fiċ-Ċirkulari Nru 14, tat-18 ta' Mejju 2004, tal-SBP, il-kumpaniji li jesportaw direttament jew indirettament mill-inqas 50 % tal-produzzjoni annwali tagħhom huma eliġibbli għal finanzjament taħt l-iskema.

(c) *Implimentazzjoni Prattika*

(120) L-istituzzjonijiet finanzjarji parteċipanti approvati għall-LTF-EOP huma dawk li jissodisfaw ir-rekwiżit ta' adegwa-tezza kapitali definita mill-SBP. Dawk l-istituzzjonijiet jistgħu jipprovdu lil min jissellef, finanzjament fuq medda twila ta' żmien sa seba' snin u nofs.

(121) Il-kreditu pprovdu lill-kumpaniji jista' mbaġħad jintuża għal diversi għanijiet (l-immodernizzar tal-fabbriki, ix-xiri ta' impjanti u makkinarju manifatturati lokament, l-importazzjoni ta' makkinarju eċċ.).

(122) Il-banek għandhom permess li jimponu spejjeż fuq min jissellef ta' massimu ta' 3 % ogħla mir-rati notifikati mill-SBP. Ir-rati tal-imgħax għal finanzjament taħt l-iskema LTF-EOP għandhom jitqabblu mar-rendiment medju b'piż differenzjat tal-Kambjali tat-Teżor fuq 12-il xahar u Bond tal-Investment Pakistani fuq ħames snin, skont il-perjodu ta' finanzjament.

(123) Wara li jitħallas is-self, il-banek jistgħu jikkuntattjaw lill-uffiċċju kkonċernat tal-SBP biex jiksbu finanzjament mill-ġdid l-ammont tas-self imħallas.

(d) *Konklużjonijiet tal-investigazzjoni*

(124) Għalkemm din l-iskema ntemmet f'Ġunju 2007, l-uniku produttur esportatur li kkoopera għadu jibbenefika minn din l-iskema, billi dan hu finanzjament fuq medda twila ta' żmien u l-benefiċċju ngħata f'April 2005 għal perjodu ta' seba' snin u nofs.

(125) Taħt din l-iskema, l-SBP jistabbilixxi b'mod obligatorju l-limitu massimu tar-rati tal-imgħax applikabbli għal self fuq medda twila ta' żmien.

(126) Għaldaqstant, l-esportaturi jistgħu jiksbu self fuq medda twila ta' żmien b'rati tal-imgħax preferenzjali meta mqabbla mar-rati tal-imgħax għal krediti kummerċjali ordinarji, li huma stabbiliti purament skont il-kundizzjonijiet tas-suq.

(e) *Konklużjoni*

(127) L-iskema trid titqies bħala sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku fil-forma ta' prassi tal-gvern li tinvolvi entità pubblika (jiġifieri l-SBP), li għalhekk tagħmel parti mill-gvern, u tagħti istruzzjonijiet lill-banek kummerċjali biex iwettqu l-funzjonijiet deskritti fl-Artikolu 3(1)(a)(i) (jiġifieri trasferiment dirett ta' fondi fil-forma ta' self). Jingħata benefiċċju lill-kumpanija benefiċjarja fil-forma ta' rata tal-imgħax preferenzjali.

(128) F'dan il-kuntest, ta' min jenfasizza li l-SBP jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "gvern" kif stabbilit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament bażiku. Dan hu proprjetà 100 % tal-gvern u jsegwi għanijiet ta' politika pubblika. Tabilħaqq, l-SBP jwettaq il-funzjonijiet kollha attribwiti lill-banek ċentrali, inkluż il-ħruġ ta' noti, regolamentazzjoni u superviżjoni tas-sistema finanzjarja, filwaqt li jaġixxi bħala l-bank tal-bankieri, sellief tal-aħħar istanza, bankier tal-gvern u huwa responsabbli għall-politika monetarja, l-immaniġġjar tad-dejn pubbliku, l-immaniġġjar tal-munita barranija, l-iżvilupp tal-qafas finanzjarju, l-istituzzjonallizzazzjoni tat-tfaddil u l-investimenti, u jipprovdi faċilitajiet ta' taħriġ lill-bankieri kif ukoll kreditu lis-setturi ta' prijorità.

(129) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, dan is-sussidju jista' jitqies bħala speċifiku skont l-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku għax il-leġislazzjoni nfisha, fejn għandhom x'jaqsmu l-kriterji ta' eliġibbiltà, tipprovdi b'mod espliċitu sussidju li jiddependi mill-andament tal-esportazzjoni.

(130) Għaldaqstant, dan is-sussidju jitqies bħala kumpensatorju.

(f) *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(131) L-ammont ta' sussidju kumpensatorju hu kkalkolat f'termini tal-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarju, li nstab li jeżisti matul il-PI. Skont l-Artikolu 6(b) tar-Regolament bażiku, il-benefiċċju lill-benefiċjarju hu kkalkolat billi tiġi kkalkolata d-differenza bejn il-limitu massimu tal-kreditu impost mill-bank ċentrali u r-rati ta' kreditu kummerċjali applikabbli.

(132) Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju (nominatur) ġie allokat fuq il-fatturat mill-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat matul il-PI, għax is-sussidju jiddependi mill-andament tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(133) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-PI għall-produttur esportatur tammonta għal 0,60 %.

**VI. Skema ta' Finanzjament tal-Esportazzjonijiet mill-Bank Nazzjonali tal-Pakistan (EFS)**

(134) Fil-kuntest tal-finanzjament fuq medda qasira ta' żmien tal-EFS, il-banek kummerċjali jipprovdu lill-esportaturi bil-faċilitajiet għall-esportazzjonijiet tal-merkanzija manifatturata kollha. Din l-iskema hi primarjament faċilità ta' kapital li jiċċirkola fuq medda qasira ta' żmien għal perjodu massimu ta' 180 jum.

(a) *Bażi Ġuridika*

(135) Il-bażijiet ġuridiċi jingħataw taħt it-Taqsima 17(2)(a)/17(4)(c) u t-Taqsima 22 li tinqara flimkien

mat-Taqsima 17(2)(d) rispettivament tal-Att tal-1956 dwar il-Bank Nazzjonali tal-Pakistan. Dettalji tal-iskema jinsabu fiċ-Ċirkulari Nru 35, tat-28 ta' Settembru 2001 u ċ-Ċirkulari Nru 44, tas-17 ta' Diċembru 1998 tal-SBP.

(b) *Eliġibbiltà*

(136) Kull esportatur jista' jibbenefika mill-EFS billi japplika fi kwalunkwe bank kummerċjali u billi jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra mitluba mill-istituzzjoni finanzjarja. Fil-fatt, id-deċiżjoni ta' self tittieħed mill-bank skont il-politika ta' kreditu tiegħu stess, approvata internament.

(c) *Implimentazzjoni Prattika*

(137) Dan il-benefiċċju jista' jingħata kemm fuq tranżazzjonijiet għall-esportazzjoni kif ukoll fuq l-andament tal-esportazzjoni.

(138) Fil-kuntest tal-faċilità msejsa fuq it-tranżazzjonijiet, il-bank jagħti l-finanzjament lill-esportatur fuq il-bażi ta' Ordni ta' Esportazzjoni tal-Kumpanija/Ittra ta' Kreditu għall-Esportazzjoni għal perjodu massimu ta' 180 jum. Il-faċilità ta' finanzjament tista' tingħata fl-istadju ta' qabel il-kunsinna għall-ksib ta' materjali produttivi u l-manifattura tal-merkanzija maħsuba għall-esportazzjoni. Il-finanzjament fl-istadju ta' qabel il-kunsinna jingħata wkoll għall-merkanzija li diġà ntbagħtet lill-importatur barra mill-pajjiż għall-perjodu sa ma jseħħ id-dħul għall-esportazzjoni jew 180 jum, skont liema jiġi qabel.

(139) Fil-kuntest tal-faċilità msejsa fuq l-andament, dan il-finanzjament li jista' jerġa' jintuża jingħata lill-esportatur għal mhux aktar minn 50 % tal-andament tal-esportazzjoni tiegħu mwettqa matul is-sena ta' qabel. L-esportaturi jistgħu jibbenefikaw minn din il-faċilità ta' finanzjament għal perjodu ta' 180 jum. Din il-faċilità, ladarba tingħata, trid titħallas lura kollha kemm hi.

(d) *Konklużjonijiet tal-investigazzjoni*

(140) Din l-iskema tipprovdi kreditu għall-esportazzjoni ta' finanzjament fuq medda qasira ta' żmien minn banek kummerċjali b'rati tal-imgħax preferenzjali ffissati mill-Bank Nazzjonali tal-Pakistan. L-uniku produttur esportatur li kkoopera jibbenefika minn din l-iskema kemm għall-bejgħ domestiku kif ukoll dak għall-esportazzjoni.

(141) Ir-rati ta' mark-up tal-EFS huma stabbiliti billi jintuża bħala punt ta' riferiment ir-rendiment medju b'piż differenzjat tal-Kambjali tat-Teżor fuq perjodu ta' sitt xhur.

(142) Għaldaqstant, l-esportaturi jistgħu jiksbu faċilità ta' finanzjament b'rati tal-imgħax preferenzjali meta mqabbla mar-rati tal-imgħax għal krediti kummerċjali ordinarji fuq medda qasira ta' żmien, li huma stabbiliti purament skont il-kundizzjonijiet tas-suq.

(e) *Konklużjoni*

(143) L-iskema titqies bħala sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku għaliex tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' prassi tal-gvern li tinvolvi entità pubblika (jiġifieri l-SBP), li tagħti istruzzjonijiet lill-banek kummerċjali biex iwettqu l-funzjonijiet deskritti fl-Artikolu 3(1)(a)(i) (jiġifieri trasferiment dirett ta' fondi fil-forma ta' self). Jingħata benefiċċju lill-kumpanija benefiċjarja fil-forma ta' rata tal-imgħax preferenzjali.

(144) Barra minn hekk, dan is-sussidju jista' jitqies bħala speċifiku skont l-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku għax il-leġiżlazzjoni nfisha, fejn għandhom x'jaqsmu l-kriterji ta' eliġibbiltà, tipprovdi b'mod espliċitu sussidju li jiddependi mill-andament tal-esportazzjoni.

(145) Għaldaqstant, dan is-sussidju jitqies bħala kumpensatorju.

(f) *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(146) L-ammont ta' sussidju kumpensatorju hu kkalkolat f'termini tal-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarju, li nstab li jeżisti matul il-PI. Skont l-Artikolu 6(b) tar-Regolament bażiku, il-benefiċċju lill-benefiċjarju hu kkalkolat billi tiġi kkalkolata d-differenza bejn il-limitu massimu tal-kreditu impost mill-bank ċentrali u r-rati ta' kreditu kummerċjali applikabbli.

(147) Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju (nominatur) ġie allokat fuq il-fatturat mill-esportazzjoni matul il-PI, għax is-sussidju jiddependi mill-andament tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(148) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-PI għall-produttur esportatur tammonta għal 2,22 %.

### VII. *Finanzjament skont iċ-Ċirkulari F.E. Nru 25 tal-Bank Nazzjonali tal-Pakistan*

(149) Din l-iskema hija faċilità ta' finanzjament fuq medda qasira ta' żmien għall-esportazzjoni u l-importazzjoni pprovduta minn banek kummerċjali b'rati tal-imgħax preferenzjali ffissati mill-Bank Nazzjonali tal-Pakistan.

(a) *Bażi Ġuridika*

(150) Din il-faċilità ta' finanzjament hi rregolata skont iċ-Ċirkulari F.E. Nru 25 tal-20 ta' Ġunju 1998, modifikata aktar miċ-Ċirkulari Nru 05 tat-23 ta' Awwissu 2002.

(b) *Eliġibbiltà*

(151) Kull esportatur u importatur jista' jibbenefika minn dan il-finanzjament fuq medda qasira ta' żmien.

(c) *Implimentazzjoni Prattika*

(152) Skont din l-iskema il-banek huma awtorizzati jużaw jew jinvestu d-depożiti tagħhom f'dollari biex jiffinanzjaw lill-importaturi u l-esportaturi. Dan is-self hu antiċipat permezz ta' depożiti f'dollari/finanzjamenti interbankarji, denominat f'dollari iżda mħallas frupi. Il-finanzjament magħmul skont iċ-Ċirkulari F.E. Nru 25 ("F.E.25") isir mill-banek malli tiġi ppreżentata evidenza rilevanti tat-tranżazzjonijiet kummerċjali.

(153) Kif jidher fiċ-Ċirkulari F.E. Nru 05 tat-23 ta' Awwissu 2002, fil-każ ta' self mogħti lil esportatur, hu possibbli li d-dħul f'munita barranija tal-esportazzjoni jiġi aġġustat fi ħlas lura tas-self u l-qligħ/l-imgħax marbut magħhom, biss jekk l-esportatur iċedi d-dħul kollu tas-self lill-bank bi ħlas frupi. Il-faċilità ta' self kummerċjali skont l-iskema F.E. 25 hi kompletament fuq il-bażi ta' awtorimborz minn dħul għall-esportazzjoni.

(154) Kif jidher fiċ-Ċirkulari F.E. Nru 05 tat-23 ta' Awwissu 2002 il-faċilità ta' finanzjament għall-importazzjonijiet tista' titħalla biss mid-data tat-twettiq effettiv tal-pagamenti għall-importazzjoni f'munita barranija billi jinħoloq self f'munita barranija għall-benefiċċju tal-importatur. Il-perjodu massimu ta' dan is-self ma għandux jaqbeż is-sitt xhur mid-data tal-ħlas lill-importatur.

(d) *Konklużjonijiet tal-investigazzjoni*

(155) Din l-iskema tipprovdi kreditu għall-esportazzjoni ta' finanzjament fuq medda qasira ta' żmien minn banek kummerċjali b'rati tal-imgħax preferenzjali ffissati mill-Bank Nazzjonali tal-Pakistan.

(156) L-imgħax/il-mark-up għal dan il-finanzjament hu stabbilit billi tintuża bħala punt ta' riferiment ir-rata LIBOR flimkien ma' marġni applikat mill-banek.

(157) Għaldaqstant, l-esportaturi jistgħu jiksbu faċilità ta' finanzjament b'rati tal-imgħax preferenzjali meta mqabbla mar-rati tal-imgħax għal krediti kummerċjali ordinarji fuq medda qasira ta' żmien, li huma stabbiliti purament skont il-kundizzjonijiet tas-suq.

(e) *Konklużjoni*

(158) L-iskema titqies bħala sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku għaliex tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' prassi tal-gvern li tinvolvi entità pubblika (jiġifieri l-SBP), li tagħti istruzzjonijiet lill-banek kummerċjali biex iwettqu l-funzjonijiet deskritti fl-Artikolu 3(1)(a)(i) (jiġifieri trasferiment dirett ta' fondi fil-forma ta' self). Jingħata benefiċċju lill-kumpanija benefiċjarja fil-forma ta' rata tal-imgħax preferenzjali.

- (159) Barra minn hekk, dan is-sussidju jista' jitqies bħala speċifiku skont l-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku għax il-leġiżlazzjoni nfisha, fejn għandhom x'jaqsmu l-kriterji ta' eliġibbiltà, tipprovdi b'mod espliċitu sussidju li jiddependi mill-andament tal-esportazzjoni.
- (160) Għaldaqstant, dan is-sussidju jitqies bħala kumpensatorju.
- (f) *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*
- (161) L-ammont ta' sussidju kumpensatorju hu kkalkolat ftermini tal-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarju, li nstab li jeżisti matul il-PI. Skont l-Artikolu 6(b) tar-Regolament bażiku, il-benefiċċju lill-benefiċjarju hu kkalkolat billi tiġi kkalkolata d-differenza bejn il-limitu massimu tal-kreditu impost mill-bank ċentrali u r-rati ta' kreditu kummerċjali applikabbli.
- (162) Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju (nominatur) ġie allokati fuq il-fatturat mill-esportazzjoni matul il-PI, għax is-sussidju jiddependi mill-andament tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.
- (163) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-PI għall-produttur esportatur tammonta għal 0,06 %.
- 3.2.2. *Ammont ta' sussidji kumpensatorji*
- (164) L-ammont provviżorju ta' sussidji kumpensatorji skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku, espress *ad valorem*, għall-uniku produttur esportatur Pakistani li kkoopera hu ta' 9,79 %.
- 3.3. **L-emirati għarab magħquda (EGħM)**
- (165) Fuq il-bażi tat-tagħrif li jinsab fl-ilment u tat-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni, l-iskemi li ġejjin, li allegatament jinvolvu l-ġhoti ta' sussidji minn awtorità tal-Gvern, ġew investigati:
- (I) Liġi Federali Nru 1 tal-1979
- (II) Żona ta' Kummerċ Hiele
- 3.3.1. *Skemi Speċifiċi*
- I. **Liġi Federali Nru 1 tal-1979**
- (166) Din l-iskema tippermetti l-importazzjoni mingħajr dazju ta' materja prima, materjal għall-ippakkjar u prodotti kapitali b'rati tad-dazju zero.
- (a) *Bażi Ġuridika*
- (167) L-iskema hi msejsa fuq il-Liġi Federali Nru 1 tal-1979, rigward l-Organizzazzjoni tal-Affarijiet Industrijali.
- (b) *Eliġibbiltà*
- (168) Sabiex wieħed igawdi mill-benefiċċji tal-Liġi Federali msemmija hawn fuq, jeħtieġ li tinkiseb Liċenzja Industrijali maħruġa mill-Ministeru tal-Finanzi u l-Industrija.
- (169) Skont l-Artikolu 8 tal-Liġi Federali, il-liċenzji għat-twaqqif ta' proġett industrijali jistgħu jingħataw biss liċ-ċittadini tal-EGħM, jew lil kumpaniji b'ishma kapitali lokali li jammontaw mill-inqas għal 51 %, u sakemm il-maniġer responsabbli jkun ċittadin tal-EGħM, jew il-bord tad-diretturi jkun magħmul fil-biċċa l-kbira tiegħu minn ċittadini lokali.
- (170) Barra minn hekk, l-istess Liġi Federali tipprovdi sett ta' rekwiżiti oħra ta' eliġibbiltà li jridu jiġu sodisfatti mill-partijiet: il-kapital fiss ma għandux ikun inqas minn 250 000 diram, l-għadd ta' impjegati mhux inqas minn 10 persuni, l-użu ta' qawwa motiva trid taqbeż il-5 horsepower (l-Artikolu 2). Rekwiżit ieħor hu li 25 % tal-impjegati għandhom ikunu ċittadini lokali, iżda l-Ministru jista' jiddeċiedi li jeżenta jew inaqqas din il-perċentwali (l-Artikolu 33). Skont l-Artikolu 13, l-applikazzjoni għal proġetti industrijali trid titqies fid-dawl ta' dan li ġej: proġett industrijali li jappartjeni lill-programm ta' żvilupp industrijali tal-pajjiż u ftehim li sar mal-pajjiżi Għarab, rekwiżiti ta' konsum lokali. Għal dawk il-proġetti li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 13 u li huma kompetittivi u orjentati lejn l-esportazzjoni, l-Artikolu 21 jipprovdi prijorità speċjali fl-ġhoti ta' privileġġi.
- (171) Fuq il-bażi tal-applikazzjoni pprovduta u d-dokumentazzjoni rilevanti ppreżentata, kumitat rilevanti tal-Ministeru tal-Finanzi u l-Industrija jirrakkomanda lill-Ministru l-approvazzjoni jew ir-rifjut tal-applikazzjoni. B'konformità mal-Artikolu 12 tal-Liġi Federali Nru 1, il-Ministru jista' jiddeċiedi li jagħti jew ma jagħti il-liċenzja.
- (c) *Implimentazzjoni Prattika*
- (172) Sabiex jidħol fl-ambitu tal-applikazzjoni ta' din l-iskema, l-applikant irid jikkonforma mal-proċedura li ġejja: l-applikazzjoni għal-Liċenzja Industrijali li trid tiġi ppreżentata lill-Ministeru tal-Finanzi u l-Industrija; l-ġhoti tal-Liċenzja Industrijali mill-Ministeru; l-approvazzjonijiet għall-importazzjonijiet mingħajr dazju permezz ta' applikazzjoni onlajn.
- (173) Il-Ministeru kkonċernat waqqaf Sistema Industrijali Elettronika ("EIS") għal din l-iskema u ħareġ Manwal rilevanti għall-Utent biex jiggwida lil min juża din l-iskema. L-EIS hija sistema onlajn implimentata mill-Ministeru.

Min-naħa waħda, din tawtorizza l-aċċess dirett lill-utenti għal-liċenzja rispettiva tagħhom. Min-naħa l-oħra, din tippermetti li d-Dipartiment tal-Iżvilupp Industrijali tal-Ministeru jkollu kontroll ġenerali tal-iskema kif ukoll is-sorveljanza tal-użu tal-benefiċċji li ngħataw lill-kumpaniji.

- (174) Kull utent tal-iskema rriżerva l-aċċess għall-EIS fejn ikun possibbli biex ikun jista' jikkonsulta l-lista rispettiva ta' materja prima użata fil-proċess ta' produzzjoni tal-fabbrika tiegħu (Isem l-oġġett, Kodiċi HS, Unità ta' kejl, Bilanċ totali – li jfisser il-kwantità tal-oġġett – u l-Bilanċ li jifdal li jfisser il-kwantità li jifdal ta' dan l-oġġett li għalih il-kumpanija tista' tikseb l-eżenzjoni mid-dazju). Trid timtela applikazzjoni onlajn għal kull tranżazzjoni ta' importazzjoni biex jinkiseb kodiċi speċjali li jippermetti l-approvazzjoni doganali tal-merkanzija. Id-Dipartiment tal-Iżvilupp Industrijali jista' jirrifjuta applikazzjonijiet għall-eżenzjoni ta' materja prima jekk il-kwantità mitluba tkun taqbeż il-bilanċ li jifdal ta' dak l-oġġett. Dan jista' jirrifjuta wkoll l-eżenzjoni għal prodotti kapitali li mhumiex inklużi fil-proġett industrijali. F'dan il-każ tal-aħħar, id-deċiżjoni hi msejsa fuq it-tagħrif mogħti mill-kumpanija matul l-ewwel Reġistrazzjoni għall-iskema. F'każ ta' rifjut, il-kumpanija tista' tikkonsulta permezz tas-sistema d-dettalji kollha kif ukoll ir-raġunijiet tar-rifjut u tista' taġixxi kif jixraq biex tipprovi l-kjarifiki mitluba.

(d) *Konklużjonijiet tal-investigazzjoni*

- (175) Matul iż-żjara ta' verifika nstab li l-uniku produttur esportatur li kkoopera jibbenefika minn eżenzjoni mid-dazju ġenerali fuq l-importazzjonijiet ta' materja prima, materjal tal-ippakkjar u prodotti kapitali mingħajr ebda kundizzjoni bħal esportazzjoni sussegwenti tal-prodott finali. L-ebda liġi jew regolament federali jew lokali ma jobligha lill-kumpanija li żżomm xi tip ta' reġistru għall-kontroll sussegwenti mwettaq mill-awtoritajiet kompetenti.
- (176) Għalkemm il-kumpanija trid tressaq l-applikazzjonijiet permezz tal-EIS onlajn biex timporta mingħajr dazju, ma nstabet l-ebda linja gwida li turi fuq liema bażi talbiet jiġu aċċettati jew irrifjutati.
- (177) Barra minn hekk, l-awtoritajiet awtorizzanti mhumiex konxji tal-konsum effettiv tal-oġġetti produttivi eżentati mid-dazju. Il-konsum teoretiku biss hu rrapportat mill-kumpanija fl-EIS. Fil-fatt, mill-waqt tal-ewwel Regolament fis-sistema, il-kontrolli mwettaq mill-awtoritajiet awtorizzanti jistgħu jseħħu biss b'mod elettroniku. Ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li skontha l-volumi ta' materjal input-output jiġu kkontrollati u vverifikati fil-każijiet kollha wara l-ewwel reġistrazzjoni. Barra minn hekk, il-Gvern tal-EGħM ma implimenta l-ebda sistema ta' verifika effettiva fil-prattika. L-awtoritajiet iddikjaraw li

huma jwettqu verifiki permezz tal-EIS u fuq il-baży tad-dokumentazzjoni li l-kumpaniji kollha huma mitluba jippreżentaw kull sena għat-tiġdid tal-liċenzji tagħhom (tagħrif li jirreferi għal-liċenzja industrijali lokali, il-Kontinġent verifikati, id-dejta dwar il-produzzjoni u l-bejgħ, eċċ.). Madankollu, dan isir billi wieħed jeżamina dak li l-kumpaniji jirrapportaw kull sena u jqabblu mal-ewwel Reġistrazzjoni u mhux mal-produzzjoni effettiva. Fil-fatt, ma ngħata l-ebda tagħrif li jikkonferma li l-awtoritajiet huma konxji, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, tal-volumi tal-materjal ta' produzzjoni effettivi għall-uniku produttur esportatur li kkoopera li jibbenefika minn din l-iskema.

(e) *Konklużjoni*

- (178) Meta jitqies dak kollu li ntqal hawn fuq, din l-iskema titiqaes bħala sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku għaliex tipprovi kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' dħul tal-gvern mhux miġbur u tagħti benefiċċju lill-kumpanija benefiċjarja għaliex tagħti l-possibbiltà ta' eżenzjoni mid-dazji tal-importazzjoni. F'dan il-kuntest ta' min jinnota li din ma tistax titiqaes bħala sistema awtorizzata għall-ħlas lura tad-dazju jew sistemi alternattivi għall-ħlas lura billi ma tikkonformax mar-regoli stabbiliti fl-Anness I, b'mod partikolari l-punt (i), l-Anness II u l-Anness III tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, il-Gvern tal-EGħM indika li ma hemm l-ebda dispożizzjoni għar-regoli dwar il-ħlas lura tad-dazju fl-EGħM.
- (179) Barra minn hekk, l-iskema hi speċifika skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku billi l-aċċess hu limitat għal ċerti impriżi u ma hemm l-ebda kriterju oġġettiv li jillimita l-eliġibbiltà skont l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament bażiku. Tabilħaqq, fir-rigward tal-applikazzjoni onlajn, il-kriterji tal-eliġibbiltà tal-awtorità awtorizzanti biex tagħżel il-benefiċjarji tal-iskema huma taħlita ta' ċerti kriterji ċari u oġġettivi, għalkemm diskriminatorji (jiġifieri l-liċenzji jistgħu jingħataw biss liċ-ċittadini tal-EGħM, jew lill-kumpaniji b'ishma kapitali lokali li jammontaw mill-inqas għal 51 %, u sakemm il-manijer responsabbli jkun ċittadin tal-EGħM, jew il-bord tad-diretturi jkun magħmul fil-biċċa l-kbira tiegħu minn ċittadini lokali, 25 % tal-impjegati għandhom ikunu ċittadini lokali) u ċerti kundizzjonijiet li mhumiex definiti b'mod ċar (jiġifieri stabbilti f'żoni determinati mill-gvern, jissodisfaw il-programm ta' żvilupp industrijali tal-pajjiż kif ukoll il-ftehimiet li saru mal-pajjiżi Għarab, jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' konsum lokali, ikunu kompetittivi u orjentati lejn l-esportazzjoni). Ma hemm l-ebda regola li tikkjarifika r-rwol tad-Dipartiment tal-Iżvilupp Industrijali msemmi biss fil-Manwal għall-Utent maħruġ mill-Ministeru u mhux fil-Liġi Federali li tistabbilixxi l-iskema.

(180) Barra minn hekk, ma hemm l-ebda evidenza li l-allokkazzjoni tas-sussidji mhijiex awtomatika. Il-leġiżlazzjoni nfisha, li skontha topera l-awtorità awtorizzanti, tagħti s-setgħa lill-Ministru li jwettaq id-deċiżjoni finali dwar l-għoti tal-Liċenzja Industrijali mingħajr l-ebda tip ta' evidenza li turi fuq liema bażi l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu aċċettati jew irrifutati. Barra minn hekk, l-awtoritajiet huma dejjem f'pożizzjoni li jeżerċitaw diskrezzjoni meta jagħtu jew jirrifutaw l-eżenzjonijiet mid-dazju mitluba.

(181) Meta jitqies dan ta' hawn fuq, dan is-sussidju jitqies bħala kumpensatorju.

(f) *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(182) L-ammont ta' sussidju kumpensatorju hu kkalkolat f'termini tal-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarju, li nstab li jeżisti matul il-PI, jiġifieri t-total ta' dazji mhux imħallsa fl-importazzjoni ta' materja prima matul il-PI. Dan l-ammont ta' sussidju (numeratur) ġie allokat fuq il-fatturat tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat tal-kumpanija matul il-PI.

(183) Ir-rata tas-sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-PI għall-produttur esportatur tammonta għal 5,02 %.

**II. Żona ta' Kummerċ Ħieles (FTZ)**

(184) Il-produttur esportatur kien qed jopera skont is-sistema taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles ta' Ras Al Khaimah minn meta twaqqaf sa Mejju 2008 u kiseb il-benefiċċji tal-importazzjonijiet mingħajr dazju tal-prodotti kapitali.

(a) *Bażi Ġuridika*

(185) Fl-EGħM ma teżisti l-ebda leġiżlazzjoni federali li tirregola kwistjonijiet li jikkonċernaw it-twaqqif u l-immaniġġjar tal-FTZ. Kull Emirati jistabbilixxi l-leġiżlazzjoni u r-regoli tiegħu stess u għandu r-responsabbiltà li jimmonitorja permezz tas-Servizzi doganali tiegħu, l-FTZs rilevanti.

(b) *Eliġibbiltà*

(186) Ma teżisti l-ebda regola jew limitu speċifiku fir-rigward tal-eliġibbiltà biex titwaqqaf kumpanija fl-FTZ ta' Ras Al Khaimah: kwalunkwe kumpanija nazzjonali jew kompletament barranija tista' titwaqqaf fl-FTZ.

(c) *Implimentazzjoni Prattika*

(187) L-aktar benefiċċji importanti marbuta mat-twaqqif ta' kumpanija fl-FTZ huma l-possibbiltà li timporta l-merkanzija kollha mingħajr dazju (materja prima, essenzjali jew awżiljarja, prodotti intermedji, prodotti kapitali) u li tiddeċiedi mingħajr ebda prekundizzjoni imposta mill-Istat dwar l-istruttura azzjonarja tal-kumpanija. Il-prodotti mmanifatturati fl-FTZs jitqiesu, għal finijiet ta' oriġini, li

joriġinaw fl-EGħM. Madankollu, meta jħallu l-FTZ biex jitqiegħdu fis-suq domestiku tal-EGħM, dawn jitqiesu bħala prodotti barranin, jiġifieri jiġu applikati d-dazji tal-importazzjoni meta jiġu rilaxxati fiċ-ċirkolazzjoni libera.

(188) Għalkemm kumpanija li tinsab f'FTZ tibbenefika minn importazzjonijiet u esportazzjonijiet mingħajr dazju, id-dikjarazzjonijiet doganali jridu jiġu kkompilati fl-uffiċċji federali doganali rilevanti fil-waqt tal-importazzjoni. Il-kumpanija trid tipprova Garanzija Bankarja u tgħaddi mid-Dwana fil-punt tad-dħul tal-importazzjoni. Il-prodotti importati huma approvati mid-Dwana permezz ta' dikjarazzjoni tal-ħruġ/tad-dħul. Malli l-merkanzija tasal fil-punt tad-dħul/tal-importazzjoni tal-FTZ, l-awtorità doganali kkonċernata tispezzjona l-prodotti li waslu u jekk dawn ikunu sodisfaċenti, tapprova d-dikjarazzjoni tal-ħruġ/tad-dħul. Din tal-aħħar, debitament iffirmata mill-punt ta' kontroll doganali riċeventi, għandha tintbagħat lura lill-awtorità doganali fil-punt tad-dħul/tal-importazzjoni sabiex tiġi rilaxxata l-Garanzija Bankarja.

(d) *Konklużjonijiet tal-investigazzjoni*

(189) Matul iż-żjara ta' verifika nstab li ma hemm l-ebda kriterju konkret, statutorju u disponibbli għall-pubbliku li jirregola d-deċiżjoni tal-awtorità awtorizzanti dwar min hu intitolat li jistabbilixxi lill-annunċjant fl-FTZ. Kumpanija li tixtieq tistabbilixxi lilha nnfisa f'dik iż-żona trid tippreżenta applikazzjoni lill-awtorità tal-Emirati ta' Ras Al Khaimah iżda ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni jew linji gwida disponibbli biex juru fuq liema bażi t-talba tista' tiġi aċċettata jew irrifutata.

(190) Fir-rigward tal-eżistenza tad-diversi FTZ fl-EGħM, mill-investigazzjoni ħareġ li ma hemm l-ebda kriterju statutorju uniformi li jirregola t-twaqqif u l-immaniġġjar tal-FTZs fl-EGħM. Ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li l-FTZs kollha fl-EGħM joperaw skont l-istess qafas regulatorju u jsewju l-istess regoli operattivi. Tqajmu wkoll dubji serji dwar jekk l-eliġibbiltà biex wieħed jistabbilixxi ruħu fl-FTZs tistax tiġi ristretta fuq il-bażi ta' ċerti tipi ta' attivitajiet kummerċjali. Tabilħaqq, fuq il-bażi tat-tagħrif mogħti, jidher li ċerti FTZs fl-EGħM huma dedikati esklużivament għal tipi speċifiċi ta' attivitajiet kummerċjali (eż. Duda Auto Free Zone, International Media Production Free Zone, Dubai Flower Centre Free Zone, eċċ.).

(191) L-uniku produttur esportatur li kkoopera bbenefika mill-importazzjoni mingħajr dazju tal-prodotti kapitali.

(e) *Konklużjoni*

(192) Meta jitqies dak li ntqal hawn fuq, l-iskema trid titqies bħala sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku għax tipprova kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' dħul tal-gvern mhux miġbur li jibbenefika lill-kumpanija benefiċjarja.

- (193) Barra minn hekk, l-iskema hi speċifika skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku billi dawn il-benefiċċji huma disponibbli biss għall-kumpaniji fl-FTZs, jiġifieri l-aċċess għas-sussidju hu għalhekk limitat għal kumpaniji f'ċerti żoni li joperaw skont is-sistema FTZ. Barra minn hekk, l-investigazzjoni stabbilixxiet li l-għoti ta' status ta' FTZ fl-EGħM hi diskrezzjonali u ma ssegwix kriterji newtrali jew oġġettivi, kif stipulat fl-Artikolu 4(2)(b). Minħabba n-nuqqas ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni federali li tirregola t-twaqqif u l-immaniġġjar tal-FTZs fl-EGħM, kull awtorità awtorizzanti tas-seba' Emirati li jiformaw l-EGħM tipprowdi aċċess għall-FTZs skont ir-regoli tagħha stess. Billi ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni jew linji gwida disponibbli fl-Emirat ta' Ras Al Khaimah, l-awtorità rilevanti tiddeċiedi fuq bażi diskrezzjonali liema kumpanija tista' tkun intitolata li tidħol fl-FTZ.
- (194) Barra minn hekk, il-benefiċċju miksub mid-dazju mhux imħallas fuq l-importazzjoni ta' prodotti kapitali ma jistax jitqies sistema awtorizzata għall-ħlas lura tad-dazju billi jikkonċerna prodotti kapitali li mhumiex ikkunsmati fil-proċess ta' produzzjoni u għalhekk, mhumiex koperti mill-ambitu tas-sistemi awtorizzati għall-ħlas lura tad-dazju stabbiliti fl-Anness I, il-punt (i) tar-Regolament bażiku.
- (195) Meta jitqies dan ta' hawn fuq, dan is-sussidju jitqies bħala kumpensatorju.
- (f) *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*
- (196) Meta jitqies li l-kumpanija ġiet stabbilita fl-FTZ minn meta twaqqfet sa Mejju 2008 iżda li l-proċess ta' produzzjoni tal-PET beda f'Settembru 2007 u li l-kumpanija kienet qed topera, minn Jannar 2008, b'liċenzja industrijali preliminari tal-Liġi Federali Nru 1 tal-1979, is-sussidju miksub matul il-PI għandu jitqies biss bħala importazzjoni mingħajr dazju tal-prodotti kapitali
- (197) Skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku, l-ammont ta' sussidju kien ikkalkulat fuq il-baży tad-dazju doganali mhux imħallas fuq l-importazzjoni ta' prodotti kapitali, mifrux fuq perjodu ta' 15-il sena li jirrifletti l-perjodu ta' deprezzament minimu li nstab fit-tliet pajjiżi kollha involuti fl-investigazzjoni attwali b'rabta mal-industrija kkonċernata. Skont il-prattika stabbilita, l-ammont ikkalkulat b'dan il-mod, li jista' jiġi attribwit għall-PI, ġie aġġustat permezz taż-żieda ta' imgħax matul dan il-perjodu sabieħ ikun rifless il-valur totali tal-benefiċċju maż-żmien. Ir-rata ta' imgħax kummerċjali matul il-PI fl-EGħM tqieset xierqa għal dan il-għan.
- (198) Skont l-Artikoli 7(2) u 7(3) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju (bħala nominatur) ġie allokat fuq il-baży tal-fatturat totali tal-kumpanija b'rabta mal-bejgħ matul il-PI billi l-attribuzzjoni tal-benefiċċju ma jiddependix mill-andament tal-esportazzjoni.
- (199) Ir-rata tas-sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-PI għall-produttur esportatur tammonta għal 0,11 %.
- 3.3.2. *Ammont ta' sussidji kumpensatorji*
- (200) L-ammont provviżorju ta' sussidji kumpensatorji skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku, espress *ad valorem*, għall-uniku produttur esportatur tal-Emirati Għarab Magħquda li kkoopera hu ta' 5,13 %.

#### 4. ĦSARA

##### 4.1. Il-produzzjoni tal-Unjoni u l-industrija tal-Unjoni

- (201) Matul il-PI, fl-Unjoni l-prodott simili kien immanifatturat minn 17-il produttur. Għalhekk, il-produzzjoni ta' dawn il-produtturi titqies bħala waħda li tikkostitwixxi l-produzzjoni tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku.
- (202) Minn dawn is-17-il produttur, 12 minnhom ikkooperaw fl-investigazzjoni. Dawn it-12-il produttur instabu li jirrappreżentaw proporzjon ewlieni, f'dan il-każ ta' aktar minn 80 %, tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili. It-12-il produttur li kkooperaw, għalhekk, jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 10(6) tar-Regolament bażiku u minn issa 'l quddiem se jissejħu l-"industrija tal-Unjoni". Il-bqija tal-produtturi tal-Unjoni minn hawn 'il quddiem se jissejħu "l-produtturi l-oħra tal-Unjoni". Dawn il-produtturi l-oħra tal-Unjoni ma sostnewx l-ilment u lanqas ma oġġezzjonaw għalih b'mod attiv.
- (203) Huwa nnotat li s-suq tal-UE għall-PET hu kkaratterizzat minn għadd relattivament għoli ta' produtturi, li normalment ikunu jagħmlu parti minn gruppi akbar u l-kwartieri ġenerali tagħhom ikunu barra mill-UE. Is-suq huwa fi proċess ta' konsolidazzjoni b'għadd riċenti ta' teħid ta' impriżi minn impriżi oħra u anki l-għeluq tagħhom. Pereżempju, mill-2009, l-impjanti ta' produzzjoni tal-PET ta' Tergal Fibers (Franza), Invista (il-Ġermanja) u Artenius (ir-Renju Unit) għalqu filwaqt li Indorama ħadet dawk li kienu l-impjanti Eastman fir-Renju Unit u l-Pajjiżi l-Baxxi.
- (204) Kif jidher fil-premessa 0 hawn fuq, intgħażel kampjun ta' ħames produtturi individwali li jirrappreżentaw 65 % tal-bejgħ mill-produtturi kollha tal-Unjoni li kkooperaw. Kumpanija waħda ma kinitx fqagħda li tipprowdi d-dejta kollha kif mitlub u l-kampjun, konsegwentement, kellu jitnaqqas għal erba' kumpaniji li jirrappreżentaw 47 % tal-bejgħ mill-produtturi kollha li kkooperaw.

#### 4.2. Il-konsum tal-Unjoni

- (205) Il-konsum tal-Unjoni ġie stabbilit abbażi tal-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, id-dejta dwar il-volumi ta' importazzjoni għas-suq tal-UE miksuba mill-EUROSTAT u, fir-rigward tal-produtturi l-oħra tal-Unjoni, minn stimuli msejsa fuq l-ilment.
- (206) Il-konsum fl-Unjoni tal-prodott li qed jiġi investigat żdied bi 11 % bejn l-2006 u l-PI. B'mod aktar preċiż, id-domanda apparenti kibret fl-2007 bi 8 %, naqset kemxejn bejn l-2007 u l-2008 (b'2 punti perċentwali) u komplet żdiedet b'5 punti perċentwali bejn l-2008 u l-PI.

Tabella 1

	2006	2007	2008	PI
Total tal-konsum fl-UE (tunnellati)	2 709 400	2 936 279	2 868 775	2 996 698
Indiċi (2006=100)	100	108	106	111

Sors: twegġibiet għall-kwestjonarju, dejta tal-Eurostat u l-ilment

#### 4.3. Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

(a) *Il-valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet ikkonċernati*

- (207) Il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet tal-PET fl-Iran, il-Pakistan u l-Emirati Għarab Magħquda għandhomx jiġu vvalutati b'mod kumulattiv skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament bażiku.
- (208) Fir-rigward tal-effetti tal-importazzjonijiet li joriġinaw mill-EGHM, l-Iran u l-Pakistan, l-investigazzjoni wriet li l-marġnijiet tas-sussidju kienu ogħla mil-limitu *de minimis* kif imfisser fl-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku u l-volum ta' importazzjonijiet sussidjati minn dawn il-pajjiżi ma kienx neglġibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 10(9) tar-Regolament bażiku.
- (209) Fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-importazzjonijiet mill-Iran, il-Pakistan u l-Emirati Għarab Magħquda u l-prodott simili, l-investigazzjoni żvelat li l-produtturi minn dawn il-pajjiżi jużaw l-istess mezz ta' bejgħ u jbigħu lill-istess kategoriji ta' konsumaturi. Barra minn hekk, l-investigazzjoni żvelat ukoll li l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi kollha komplew jżdiedu fil-perjodu meqjus.
- (210) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, qiegħed jitqies b'mod provviżorju li ġew sodisfatti l-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament bażiku u li l-importazzjonijiet mill-Iran, il-Pakistan u l-Emirati Għarab Magħquda għandhom jiġu eżaminati b'mod kumulattiv.

(b) *Volum ta' importazzjonijiet ikkonċernati*

- (211) Il-volum ta' importazzjonijiet sussidjati tal-prodott ikkonċernat lejn l-UE żdied b'aktar minn ħames darbiet bejn l-2006 u l-PI u laħaq it-304 202 tunnellati fil-PI. B'mod aktar speċifiku, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu b'20 % bejn l-2006 u l-2007, qabel ma komplew jżdiedu b'270 punt perċentwali fl-2008 meta mqabbel mal-2007, u għal darb'oħra b'154 punt perċentwali bejn l-2008 u l-PI.

Tabella 2

	2006	2007	2008	PI
Volum ta' importazzjonijiet sussidjati (tunnellati)	55 939	67 067	218 248	304 202
Indiċi (2006=100)	100	120	390	544
Sehem mis-suq tal-importazzjonijiet sussidjati	2,1 %	2,3 %	7,6 %	10,2 %

Sors: Eurostat

(c) *Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ikkonċernati*

- (212) Is-sehem mis-suq li kellhom l-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi kkonċernati kien ta' madwar 2,1 % matul l-2006 u żdied b'mod sostnut b'madwar 8 punti perċentwali matul il-perjodu meqjus. B'mod aktar speċifiku, dan żdied b'0,2 punti perċentwali bejn l-2006 u l-2007, kompla jiżdied b'5,3 punti perċentwali bejn l-2007 u l-2008 u bi 2,6 punti perċentwali bejn l-2008 u l-PI. Fil-PI, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi kkonċernati kien ta' 10,2 %.
- (213) Ta' min jinnota li l-EGħM daħlu fis-suq biss mill-2007 iżda malajr irnexxielhom jiksbu sehem sostanzjali mis-suq.

(d) *Prezzijiet*(i) *L-evoluzzjoni tal-prezzijiet*

- (214) Il-medja tal-prezz tal-importazzjoni naqset b'14 % fil-perjodu meqjus u l-akbar tnaqqis kien bejn l-2008 u l-PI. B'mod aktar speċifiku, il-medja tal-prezz naqset b'1 % fl-2007 u baqgħet qrib dak il-livell fl-2008, qabel ma kompliet tinżel bi 13-il punt perċentwali fil-PI.

Tabella 3

	2006	2007	2008	PI
Prezz tal-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)	1 030	1 023	1 015	882
Indiċi (2006=100)	100	99	99	86

Sors: Eurostat

(ii) *Twaqqiġ tal-prezz*

- (215) Minħabba l-fatt li l-prezzijiet u l-ispejjeż tal-prodott ikkonċernat kienu suġġetti għal flutwazzjonijiet konsiderevoli fil-PI, il-prezzijiet u l-ispejjeż tal-bejgħ inġabru kull tliet xhur u l-kalkoli ta' twaqqiġ tal-prezzijiet u ta' bejgħ b'telf bdew isiru kull tliet xhur.
- (216) Bl-għan li jiġi analizzat it-twaqqiġ tal-prezzijiet, il-medja differenzjata tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni għall-konsumaturi mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal-livell ta' kif il-prodott joħroġ mill-fabbrika, tqabblu mal-medja differenzjata tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati lill-ewwel konsumatur indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' CIF, b'aġġustamenti xierqa għall-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni u d-differenzi fil-livell tal-kummerċ.
- (217) It-tqabbil wera li matul il-PI, l-importazzjonijiet sussidjati li joriġinaw fl-EGħM mibjugħa fl-Unjoni waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni bi 3,9 %. L-importazzjonijiet sussidjati li joriġinaw mill-Iran u li nbiegħu fl-Unjoni waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni bi 3,2 %. L-importazzjonijiet sussidjati li joriġinaw mill-Pakistan u li nbiegħu fl-Unjoni waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'1,4 %. Il-medja differenzjata tal-marġni ta' twaqqiġ tal-prezzijiet tal-pajjiżi kkonċernati matul il-PI huwa ta' 3,2 %.

**4.4. Il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni**

- (218) Skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament bażiku, l-analiżi tal-impatt tal-importazzjonijiet sussidjati fuq l-industrija tal-Unjoni inkluda valutazzjoni tal-fatturi u l-indiċi ekonomiċi kollha li jaffettwaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu meqjus.

(219) Kif spjegat hawn fuq, minħabba l-għadd kbir ta' produtturi tal-Unjoni, kellhom jittieħdu l-kampjuni. Għall-fini tal-analiżi tal-ħsara, l-indikaturi tal-ħsara ġew stabbiliti fiż-żewġ livelli li ġejjin:

- L-elementi makroekonomiċi (il-produzzjoni, il-kapaċità, il-volum ta' bejgħ, is-sehem mis-suq, it-  
tkabbir, l-impjegi, il-produttività, il-prezzijiet medji tal-unità u d-daqs tal-marġnijiet tad-dumping  
u l-irkupru mill-effetti ta' dumping fl-imgħoddi) ġew eżaminati fil-livell tal-produzzjoni tal-Unjoni  
kollha kemm hi, u dan abbażi tat-tagħrif miġbur mill-produtturi li kkooperaw u għall-produtturi  
l-oħra tal-Unjoni ntużat stima bbażata fuq id-dejta inkluża fl-ilment.
- L-analiżi tal-elementi mikroekonomiċi (stokkijiet, pagi, profittabbiltà, dħul mill-investimenti, fluss  
tal-likwidità, possibbiltà li jiżdied il-kapital u l-investimenti) saret għall-produtturi tal-Unjoni  
inklużi fil-kampjun abbażi tat-tagħrif tagħhom.

#### 4.4.1. Elementi makroekonomiċi

##### (a) Produzzjoni

(220) Il-produzzjoni tal-Unjoni naqset b'4 % bejn l-2006 u l-PI. B'mod aktar speċifiku, din żdiedet b'5 % fl-  
2007 għal madwar 2 570 000 tonnellata, iżda naqset sew b'10 punti perċentwali fl-2008 meta  
mqabbla mal-2007 u żdiedet kemxejn, b'punt perċentwali wieħed, bejn l-2008 u l-PI meta laħqet  
madwar 2 300 000 tonnellata.

Tabella 4

	2006	2007	2008	PI
Produzzjoni (tonnellati)	2 439 838	2 570 198	2 327 169	2 338 577
Indiċi (2006=100)	100	105	95	96

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju u l-ilment

##### (b) Il-kapaċità ta' produzzjoni u r-rati ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità

(221) Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni żdiedet bi 15 % tul il-perjodu meqjus. B'mod  
speċifiku, żdiedet b'1 % fl-2007, komplet tiżdied b'5 punti perċentwali fl-2008 u b'9 punti perċent-  
wali oħra fil-PI.

Tabella 5

	2006	2007	2008	PI
Kapaċità tal-produzzjoni (tonnellati)	2 954 089	2 971 034	3 118 060	3 385 738
Indiċi (2006=100)	100	101	106	115
Utilizzazzjoni tal-kapaċità	83 %	87 %	75 %	69 %
Indiċi (2006=100)	100	105	90	84

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju u l-ilment

(222) L-utilizzazzjoni tal-kapaċità kienet ta' 83 % fl-2006, żdiedet għal 87 % fl-2007 iżda wara niżlet għal  
75 % fl-2008 u għal biss 69 % fil-PI. Ir-rata dejjem tonqos tal-utilizzazzjoni fl-2008 u l-PI tirrifletti  
tnaqqis fil-produzzjoni u żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni tul dan il-perjodu.

(c) *Volum ta' bejgħ*

- (223) Il-volum ta' bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni lil konsumaturi mhux relatati fis-suq tal-UE naqas modestament fil-perjodu meqjus. Il-bejgħ żdied b'5 % fl-2007, iżda fis-sena ta' wara naqas kemxejn taħt il-livell tal-2006 u fil-PI l-bejgħ kien 3 % iktar baxx milli fl-2006, għal madwar 2 100 000 tonnellata. Minħabba l-volum limitat ta' stokkijiet, l-iżvilupp tal-bejgħ jirrifletti sew l-iżvilupp fil-produzzjoni.

Tabella 6

	2006	2007	2008	PI
Bejgħ fl-UE (tonnellati)	2 202 265	2 318 567	2 171 203	2 133 787
Indiċi (2006=100)	100	105	99	97

Sors: twegġibiet għall-kwestjonarju u l-ilment

(d) *Sehem mis-suq*

- (224) Matul il-perjodu meqjus, il-produtturi tal-Unjoni tilfu 10 punti perċentwali mis-sehem mis-suq, li naqas minn 85 % fl-2006 għal 75 % fil-PI. Dan it-telf mis-sehem mis-suq jirrifletti l-fatt li, minkejja żieda sostanzjali fil-konsum, il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 3 % fil-perjodu meqjus. Ta' min jinnota li din ix-xejra ta' tnaqqis kienet preżenti wkoll għall-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

Tabella 7

	2006	2007	2008	PI
Sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni	84,9 %	83,2 %	79,8 %	75,1 %
Indiċi (2006=100)	100	98	94	88

Sors: twegġibiet għall-kwestjonarju, l-ilment u l-Eurostat

(e) *Tkabbir*

- (225) Bejn l-2006 u l-PI, filwaqt li l-konsum tal-Unjoni żdied bi 11 %, il-volum ta' bejgħ mill-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni naqas bi 3 % u s-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni naqas b'10 punti perċentwali. Min-naħa l-oħra, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet sussidjati żdied minn 2,1 % sa 10,2 % fl-istess perjodu ta' żmien. Għaldaqstant, qed jiġi konkluż li l-produtturi tal-Unjoni ma setgħux jibbenefikaw minn xi tkabbir tas-suq.

(f) *Impjiegi*

- (226) Il-livell ta' impjiegi tal-produtturi tal-Unjoni juri tnaqqis ta' 15 % bejn l-2006 u l-PI. B'mod aktar speċifiku, l-għadd tal-persuni impjegati naqas b'mod sinifikanti minn 2 400 fl-2006 għal 2 100 fl-2007 jew bi 13 % u baqa' qrib dan il-livell fl-2008 u fil-PI. It-tnaqqis fl-2007 huwa riflessjoni tal-isforzi ta' ristrutturar minn għadd ta' produtturi tal-UE.

Tabella 8

	2006	2007	2008	PI
Impjieg (persuni)	2 410	2 100	2 060	2 057
Indiċi (2006=100)	100	87	85	85

Sors: twegġibiet għall-kwestjonarju u l-ilment

(g) *Produttività*

- (227) Il-produttività tal-ħaddiema tal-produtturi tal-Unjoni, imkejla bħala produzzjoni (ftunnellati) għal kull persuna impjegata, għal kull sena, żdiedet bi 12 % fil-perjodu meqjus. Dan jirrifletti l-fatt li l-produttività naqset aktar bil-mod mil-livell ta' impjegati u hija indikazzjoni ta' żieda fl-effiċjenza min-naħa tal-produtturi tal-Unjoni. Dan hu partikolarment evidenti fl-2007 meta l-produttività żdiedet filwaqt li l-livell tal-impjegati naqas u l-produttività kienet 21 % ogħla milli kienet fl-2006.

Tabella 9

	2006	2007	2008	PI
Produttività (tunnellata għal kull impjegat)	1 013	1 224	1 130	1 137
Indiċi (2006=100)	100	121	112	112

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju u l-ilment

(h) *Fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet tal-bejgħ*

- (228) Il-medja annwali tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-UE għal konsumaturi mhux relatati baqgħet stabbli bejn l-2006 u l-2008, b'madwar 1 100 EUR kull tunnellata. Fil-PI l-medja annwali tal-prezz tal-bejgħ niżlet bi 12 % u laħqet EUR 977 kull tunnellata. Il-medja annwali tal-prezz tal-bejgħ ma tirriflettix il-flussi ta' kull xahar, jew dawk ta' kuljum, tal-PET fis-suq Ewropew (u dinji) iżda titqies suffiċjenti biex tindika x-xejra matul il-perjodu meqjus. Il-prezzijiet tal-bejgħ tal-PET normalment isegwu x-xejriet tal-prezz tal-materja prima ewlenija tiegħu (jiġifieri l-PTA u l-MEG) billi dawn jikkostitwixxu sa 80 % tal-ispiża totali tal-PET.

Tabella 10

	2006	2007	2008	PI
Prezz tal-unità fis-suq tal-UE (EUR/tunnellata)	1 110	1 105	1 111	977
Indiċi (2006=100)	100	100	100	88

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju u l-ilment

- (229) Kif indikat hawn fuq, il-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni twaqqgħu mill-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi kkonċernati.

(i) *Id-daqs tal-marġni ta' sussidju u l-irkupru mid-dumping tal-imgħoddi u sussidjar*

- (230) Meta jitqiesu l-volum, is-sehem mis-suq u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, l-impatt tal-marġnijiet effettivi tas-sussidju fuq l-industrija tal-Unjoni ma jistax jitqies negliġibbli. Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li mis-sena 2000 hemm fis-seħħ miżuri ta' antidumping kontra l-importazzjonijiet tal-PET mill-Indja, l-Indoneżja, ir-Repubblika tal-Korea, il-Malasja, it-Tajwan, it-Tajlandja u mill-2004 kontra r-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Mis-sena 2000 kien hemm ukoll miżuri kumpensatorji kontra l-importazzjonijiet mill-Indja. Billi fil-perjodu meqjus minn din l-investigazzjoni l-industrija tal-Unjoni tilfet sehem mis-suq u żiedet it-telf tagħha, ma jista' jkun stabbilit l-ebda rkupru effettiv mid-dumping u s-sussidjar tal-imgħoddi u jitqies li l-produttività tal-Unjoni għadha vulnerabbli għall-effett dannuż ta' kull importazzjoni sussidjata fis-suq tal-Unjoni.

4.4.2. *Elementi mikroekonomiċi*(a) *Stokkijiet*

- (231) Il-livell ta' stokkijiet tal-għeluq tal-produtturi inklużi fil-kampjun naqas bejn l-2006 u l-PI bi 22 %. Ta' min jinnota li l-istokkijiet jirrappreżentaw anqas minn 5 % tal-produzzjoni annwali u għaldaqstant ir-rilevanza ta' dan l-indikatur fl-analiżi tal-ħsara hija limitata.

Tabella 11

Kampjun	2006	2007	2008	PI
Stokk tal-għeluq (tunnellati)	61 374	57 920	46 951	47 582
Indiċi (2006=100)	100	94	77	78

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju

(b) *Pagi*

- (232) L-ispiża tax-xogħol annwali żdied bi 11 % bejn l-2006 u l-2007 qabel ma naqas b'2 punti perċentwali fl-2008 meta mqabbel mal-2007 u b'9 punti perċentwali oħra fil-PI meta mqabbel mal-2008 b'mod li laħaq l-istess livell fl-2006. B'mod ġenerali, l-ispejjeż tax-xogħol għalhekk baqgħu stabbli.

Tabella 12

Kampjun	2006	2007	2008	PI
Spiża tax-xogħol annwali (EUR)	27 671 771	30 818 299	30 077 380	27 723 396
Indiċi (2006=100)	100	111	109	100

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju

(c) *Profittabbiltà u redditu fuq l-investimenti*

- (233) Matul il-perjodu meqjus, il-profittabbiltà tal-bejgħ tal-produtturi inklużi fil-kampjun tal-prodott simili fis-suq tal-UE lil konsumaturi mhux relatati, espressa bħala perċentwali ta' bejgħ nett, baqgħet negattiva u saħansitra niżlet minn -6,9 % għal -7,5 %. B'mod aktar speċifiku, is-sitwazzjoni fir-rigward tal-profittabbiltà tal-produtturi inklużi fil-kampjun tgiebet fl-2007 meta t-telf nett kien jammonta biss għal -1,5 % tal-bejgħ nett, iżda t-telf żdied sew fl-2008 għal -9,3 %. Is-sitwazzjoni tgiebet kemxejn fil-PI.

Tabella 13

kampjun	2006	2007	2008	PI
Profittabbiltà tal-UE (% ta' bejgħ nett)	-6,9 %	-1,5 %	-9,3 %	-7,5 %
Indiċi (2006= -100)	-100	-22	-134	-108
ROI (profitt f% tal-valur nett deprezzat tal-investimenti)	-9,6 %	-3,1 %	-16,8 %	-12,3 %
Indiċi (2006= -100)	-100	-32	-175	-127

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju

- (234) Ir-redditu fuq l-investimenti ("ROI"), espress bħala l-profitt f'perċentwali tal-valur nett deprezzat tal-investimenti, segwa b'mod wiesa' x-xejra ta' profittabbiltà. Dan żdied minn livell ta' -9,6 % fl-2006 għal -3,1 % fl-2007. Naqas għal -16,8 % fl-2008 u reġa' naqas fil-PI għal -12,3 % fil-PI. B'mod ġenerali, ir-redditu fuq l-investimenti baqa' negattiv u mar lura bi 2,7 punti perċentwali matul il-perjodu meqjus.

(d) *Fluss tal-likwidità u kapaċità li jżdied il-kapital*

- (235) Il-fluss tal-likwidità netta minn attivitajiet operattivi kien negattiv, fil-livell ta' EUR 18,5 miljun fl-2006. Dan tjiieb b'mod sinifikanti fl-2007 meta sar pożittiv fil-livell ta' EUR 19,5 miljun iżda mar lura bil-kbir fl-2008 (EUR -42 miljun) qabel ma laħaq il-livell negattiv ta' EUR -11-il miljun fil-PI. B'mod ġenerali, il-fluss tal-likwidità tjiieb fil-perjodu meqjus għalkemm baqa' negattiv.
- (236) Ma kienx hemm indikazzjonijiet li l-industrija tal-Unjoni sabet diffikultajiet biex tkabbar il-kapital, l-aktar minħabba li wħud mill-produtturi huma inkorporati fi gruppi akbar.

Tabella 14

Kampjun	2006	2007	2008	PI
Likwidità (EUR)	- 18 453 130	19 478 426	- 42 321 103	- 11 038 129
Indiċi (2006=100)	- 100	206	- 229	- 60

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju

(e) *Investimenti*

- (237) L-investimenti annwali tal-kumpaniji inklużi fil-kampjun fil-produzzjoni tal-prodott simili naqsu b'34 % bejn l-2006 u l-2007, b'59 punt perċentwali oħra bejn l-2007 u l-2008 u mbagħad naqsu kemxejn fil-PI meta mqabbla mal-2008. Kollox ma' kollox, l-investimenti naqsu b'96 % matul il-perjodu meqjus. Din il-waqqha drastika fl-investimenti tista' tiġi spjegata parzjalment minħabba li fl-2006 u fl-2007 nkisbu linji ġodda ta' produzzjoni bil-għan li jżidu l-kapaċità.

Tabella 15

Kampjun	2006	2007	2008	PI
Investimenti netti (EUR)	98 398 284	64 607 801	6 537 577	4 298 208
Indiċi (2006=100)	100	66	7	4

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju

#### 4.5. Konklużjoni dwar il-ħsara

- (238) L-analiżi tad-dejta makroekonomika turi li matul il-perjodu meqjus il-produtturi tal-Unjoni naqqsu l-produzzjoni u l-bejgħ tagħhom. Għalkemm it-tnaqqis osservat ma kienx daqshekk drammatiku, dan irid jitqies fil-kuntest taż-żieda fid-domanda bejn l-2006 u l-PI, li wasslet għat-tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni b'10 punti perċentwali għal 75 %.

- (239) Fl-istess waqt l-indikaturi mikroekonomiċi rilevanti juru deterjorament ċar tas-sitwazzjoni ekonomika tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Il-profittabbiltà u r-redditu fuq l-investiment baqgħu negattivi u b'mod ġenerali komplew jiddeterjoraw bejn l-2006 u l-PI. Il-fluss tal-likwidità, minkejja żvilupp ġeneralment pożittiv, ukoll baqa' negattiv matul il-PI.
- (240) Fid-dawl ta' dak li ntqal, qed jiġi konkluż b'mod provviżorju li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet ħsara materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament bażiku.

## 5. KAWŻALITÀ

### 5.1. Introduzzjoni

- (241) Skont l-Artikolu 8(5) u l-Artikolu 8(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet sussidjati kkawżawx ħsara lill-industrija tal-Unjoni sa tali punt li jkun jista' jiġi kklassifikat bħala materjali. Ġew eżaminati wkoll fatturi magħrufa għajr l-importazzjonijiet sussidjati, li fl-istess waqt setgħu kienu ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni, u dan biex ikun żgurat li l-ħsara possibbli kkawżata minn dawn il-fatturi l-oħra ma tkunx attribwita lill-importazzjonijiet sussidjati.

### 5.2. Effett tal-importazzjonijiet sussidjati

- (242) Bejn l-2006 u l-PI, il-volum tal-importazzjonijiet sussidjati tal-prodott ikkonċernat żdied b'aktar minn ħames darbiet għal 304 200 tonnellata, u s-sehem tagħhom mis-suq żdied bi kważi 8 punti perċentwali (minn 2,1 % għal 10,2 %). Fl-istess waqt, l-industrija tal-Unjoni tilfet mal-10 punti perċentwali tas-sehem mis-suq (minn 84,9 % għal 72,1 %). Il-prezz medju ta' dawn l-importazzjonijiet naqas bejn l-2006 u l-PI u baqa' iktar baxx mill-prezz medju tal-produtturi tal-Unjoni.
- (243) Kif indikat hawn fuq fil-premessa 0, it-twaqqigħ tal-prezz tal-importazzjonijiet sussidjati kien bħala medja 3,2 %. Anki jekk it-twaqqigħ tal-prezzijiet kien inqas minn 4 %, dan ma jistax jitqies insinifikanti billi l-PET huwa prodott bażiku u li l-kompetizzjoni sseħħ primarjament fil-livell ta' prezzijiet.
- (244) L-esportatur Iranjan iddikjara li l-importazzjonijiet ta' PET mill-Iran ma setgħux wasslu għal ħsara materjali lill-industrija tal-Unjoni minħabba l-fatt li dawn il-livelli ta' importazzjoni jaqbżu biss b'mod marġinali l-limitu *de minimis* għall-importazzjonijiet. Madankollu, matul il-PI, l-importazzjonijiet mill-Iran, li jikkorrispondu għal sehem mis-suq ta' 1,9 %, qabżu l-limitu *de minimis* speċifikat fir-Regolament bażiku. Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Iran kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. F'dan l-isfond, l-argument imqajjem mill-esportatur Iranjan ma ntlax.
- (245) Fid-dawl tat-twaqqigħ tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni minħabba importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, jitqies li dawn l-importazzjonijiet sussidjati eżerċitaw pressjoni kbira biex jitwaqqgħu l-prezzijiet, hekk li ma ppermettewx lill-industrija tal-Unjoni milli żżomm il-prezzijiet ta' bejgħ tagħha flivell li kien ikun neċessarju biex jiġu koperti l-ispejjeż u jiġi realizzat profitt. Għaldaqstant, jitqies li teżisti rabta kawżali bejn dawk l-importazzjonijiet u l-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

### 5.3. L-effett ta' fatturi oħra

#### 5.3.1. Attività ta' esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

- (246) Parti interessata waħda qalet li kull ħsara li seħħet kienet kawża tal-attività baxxa fl-esportazzjoni min-naħa tal-produtturi tal-Unjoni. Kif jista' jidher mit-tabella hawn taħt, il-volum ta' esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni żdied matul il-perjodu meqjus bi 11 %. Il-livell tal-prezzijiet tal-esportazzjoni tul l-istess perjodu naqas b'10 % u dan wassal għal valur stabbli tal-bejgħ għall-esportazzjoni tul il-perjodu meqjus. Għaldaqstant, ma hemm ebda indikazzjoni li l-andament tal-esportazzjoni kkontribwixxa għall-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

Tabella 16

L-industrija tal-Unjoni	2006	2007	2008	PI
Bejgħ għall-esportazzjoni (tunnellati)	25 677	24 103	23 414	28 504
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	94	91	111
Bejgħ għall-esportazzjoni (EUR)	28 473 679	27 176 204	25 109 209	28 564 676
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	95	88	100
Prezz tal-esportazzjonijiet (EUR/tunnellata)	1 109	1 128	1 072	1 002

Sors: twegġibiet għall-kwestjonarju

- (247) Parti interessata oħra ddikjarat li l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-UE kienu artifiċjalment għolja. Skont il-parti interessata, din id-dikjarazzjoni hi kkonfermata mill-fatt li l-prezzijiet fis-suq tal-UE baqgħu stabbli filwaqt li l-prezzijiet tal-bejgħ għall-esportazzjoni waqgħu. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li l-medja annwali tal-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-UE naqset bi 12 % tul il-perjodu meqjus, b'mod parallel mat-tnaqqis fil-prezzijiet tal-esportazzjoni tul l-istess perjodu. Għaldaqstant, l-argument hu rrifjutat.

### 5.3.2. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

#### (a) Repubblika tal-Korea

- (248) Ir-Repubblika tal-Korea ilha suġġetta għal dazji ta' antidumping mis-sena 2000. Madankollu, żewġ kumpaniji Koreani mhumiex suġġetti għal dazju u l-investigazzjoni stabbilixxiet li l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea għadhom flivell għoli u żdiedu b'mod sinifikanti fil-perjodu meqjus. L-importazzjonijiet Koreani żdiedu bi kważi 150 % bejn l-2006 u l-PI u s-sehem mis-suq rispettiv tagħhom żdied minn 3,5 % fl-2006 għal 7,7 % fil-PI.

Tabella 17

	2006	2007	2008	PI
Volum ta' importazzjonijiet mill-Korea t'Isfel (tunnellati)	94 023	130 994	177 341	231 107
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	139	189	246
Sehem mis-suq ta' importazzjonijiet mill-Korea t'Isfel	3,5 %	4,5 %	6,2 %	7,7 %
Prezz tal-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)	1 084	1 071	1 063	914

Sors: Eurostat

- (249) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet Koreani ġeneralment baqa' kemxejn taħt il-prezzijiet medji tal-produtturi tal-Unjoni. Madankollu, il-prezzijiet Koreani kienu ogħla mill-prezzijiet medji mill-pajjiżi kkonċernati. Għaldaqstant, għalkemm ma jstax ikun eskluż li l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea kkontribwew għall-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni, il-kontribuzzjoni tagħhom kienet biss waħda limitata u jitqiesu li ma ħallewx ir-rabta kawżali stabbilita fir-rigward tal-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi kkonċernati.

- (250) L-esportatur Iranjan iddikjara li kull żieda fl-importazzjonijiet Iranjani kienet dovuta għat-tnaqqs fl-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel u għalhekk ma kkawżatx ħsara lill-produtturi Ewropej. Madankollu, id-dejta tal-Eurostat turi li matul il-perjodu meqjus, il-volumi tal-importazzjoni miż-żewġ pajjiżi kienu qed jiżdiedu b'mod stabbli u parallel. Għaldaqstant, wieħed ma jistax jikkonkludi li l-importazzjonijiet mill-Iran sempliċiment ħadu post l-importazzjonijiet mill-Korea t'Isfel.

(b) *Pajjiżi oħra*

- (251) L-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra bħala medja kienu bi prezzijiet sostanzjalment ogħla mill-prezzijiet medji ta' bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn l-importazzjonijiet tilfu mis-sehem mis-suq fil-perjodu meqjus. Konsegwentement, dawn l-importazzjonijiet mhumiex meqjusa bħala kawża possibbli ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni.

Tabella 18

	2006	2007	2008	PI
Volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi oħra (tunnellati)	259 438	296 418	185 286	210 772
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	114	71	81
Sehem mis-suq ta' importazzjonijiet minn pajjiżi oħra	9,6 %	10,1 %	6,5 %	7,0 %
Prezz tal-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)	1 176	1 144	1 194	1 043

Sors: Eurostat

5.3.3. *Kompetizzjoni mill-produtturi fl-Unjoni li ma kkooperawx*

- (252) Uħud mill-partijiet interessati qalu li l-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni hi dovuta għall-kompetizzjoni mill-produtturi fl-Unjoni li ma kkooperawx. Ħames produtturi tal-Unjoni ma kkooperawx f'dan il-proċess. Wieħed minnhom waqqaf il-produzzjoni tiegħu tul il-PI filwaqt li tnejn oħra għamlu dan ftit wara. Il-volumi tal-bejgħ tal-produtturi li ma kkooperawx kienu stmati abbażi tat-tagħrif imressaq fl-ilment. Abbażi tat-tagħrif disponibbli, jidher li dawn il-produtturi tilfu s-sehem tagħhom mis-suq tul il-perjodu meqjus minn 20,5 % fl-2006 għal 16 % fil-PI. Mill-investigazzjoni ma ħarġet ebda evidenza li l-imġiba ta' dawn il-produtturi ħallet ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati u l-ħsara stabbilita għall-industrija tal-Unjoni.

Tabella 19

Produtturi tal-UE li ma kkooperawx	2006	2007	2008	PI
Bejgħ fl-UE (tunnellati)	554 329	493 363	356 581	478 282
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	89	64	86
Sehem mis-suq	20,5 %	16,8 %	12,4 %	16,0 %

Sors: ilment

5.3.4. *Tnaqqis fir-ritmu ekonomiku*

- (253) Il-kriżi finanzjarja u ekonomika tal-2008 wasslet għal tkabbir fis-suq li mexa aktar bil-mod milli mistenni u li ma kienx normali meta mqabbel mal-bidu tas-sena 2000 fejn setgħu jiġu osservati rati annwali tat-tkabbir ta' madwar 10 %. Għall-ewwel darba, kien hemm kontrazzjoni tad-domanda għall-PET fl-2008. Naturalment dan kellu effett fuq l-andament ġenerali tal-industrija tal-Unjoni.

(254) Madankollu, l-effett negattiv tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku u l-kontrazzjoni fid-domanda kienu aggravati biż-żieda ta' importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi kkonċernati li waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Anki jekk it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku jista' għalhekk jitqies bħala kaġun tal-ħsara għall-perjodu li beda fl-aħħar tliet xhur tal-2008, dan bl-ebda mod ma jista' jnaqqas l-effetti dannużi ta' ħsara mill-importazzjonijiet sussidjati bi prezz baxx fis-suq tal-UE matul il-perjodu kollu meqjus. Anki f'sitwazzjoni fejn jonqos il-bejgħ, l-industrija tal-Unjoni għandha tkun kapaċi żżomm livell aċċettabbli ta' prezzijiet u għalhekk tillimita l-effetti negattivi ta' tnaqqis fit-kabbir tal-konsum, imma biss f'każ li ma jkunx hemm il-kompetizzjoni ingħusta ta' importazzjonijiet bi prezz baxx fis-suq.

(255) It-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku lanqas ma għandu xi impatt fuq il-ħsara mġarrba u li diġà għet osservata qabel l-aħħar tliet xhur tal-2008.

(256) Għaldaqstant, it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku jrid jitqies bħala element li jikkontribwixxi għall-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni mill-aħħar tliet xhur tal-2008 biss u minħabba n-natura globali tagħha ma tistax titqies bħala kawża possibbli li tħoll ir-rabta kawżali bejn il-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi kkonċernati.

#### 5.3.5. Pożizzjoni ġeografika

(257) Xi wħud mill-partijiet interessati argumentaw li kull ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni għet ikkawżata primarjament mill-pożizzjoni żvantaġġata ta' mill-inqas ftit mill-produtturi tal-Unjoni (jiġifieri l'boġħod minn port b'mod li jeħlu aktar spejjeż ta' trasportazzjoni bla bżonn għall-materja prima kif ukoll għall-prodott finali).

(258) Fir-rigward tal-argument ta' hawn fuq, huwa magħruf li meta tkun f'pożizzjoni fejn m'intix aċċessibbli malajr b'mezzi relattivament orħos ta' trasport għandek ċerti żvantaġġi fejn jidħlu l-ispejjeż marbuta mat-twassil kemm tal-materja prima mill-fornituri kif ukoll tal-prodott finali lill-konsumaturi. Madankollu, l-investigazzjoni u d-dejta vverifikata mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun (tnejn minnhom pożizzjonati qrib ta' port u tnejn oħra iktar 'il għewwa) ma indikat ebda korrelazzjoni sinifikanti bejn il-pożizzjoni ġeografika u l-andament ekonomiku tal-produtturi tal-Unjoni. Fil-fatt, il-ħsara li rriżultat ġarrbuha wkoll dawk il-produtturi pożizzjonati qrib ta' port.

(259) Konsegwentement, huwa konkluż li l-pożizzjoni ġeografika ma kkontribwixx b'mod sinifikanti għall-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

#### 5.3.6. Integrazzjoni vertikali

(260) Uħud mill-partijiet interessati argumentaw li kull ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni kien kawża tal-fatt li bosta produtturi tal-Unjoni mhumiex integrati vertikalmnt (f'termini tal-produzzjoni tal-PTA) u għalhekk għandhom żvantaġġ sinifikanti f'dik li hi spiża vis-à-vis l-esportaturi integrati. Id-dejta verifikata mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ma wriet l-ebda korrelazzjoni sinifikanti bejn l-integrazzjoni vertikali tal-produzzjoni tal-PTA u l-andament ekonomiku tal-produtturi tal-Unjoni.

(261) Għaldaqstant, huwa konkluż li n-nuqqas ta' integrazzjoni vertikali tal-produzzjoni tal-PTA ma kkontribwixx għall-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

#### 5.4. Konklużjoni dwar il-kawżalità

(262) Il-koinċidenza fiż-żmien bejn, fuq naħa waħda, iż-żieda fl-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi kkonċernati, iż-żieda fl-ishma mis-suq u t-twaqqiġ tal-prezzijiet li rriżulta u, fuq in-naħa l-oħra, id-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni, twassal għall-konklużjoni li l-importazzjonijiet sussidjati kkawżaw ħsara materjali lill-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku.

(263) Ġew analizzati fatturi oħra iżda nstab li dawn ma jhollux ir-rabta kawżali bejn l-effetti tal-importazzjonijiet sussidjati u l-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni. L-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea setgħu kkontribwew għall-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni, iżda minħabba d-differenza żgħira fil-prezz bejn dawn l-importazzjonijiet u s-suq tal-Unjoni, dawn jitqiesu li ma jhollux ir-rabta kawżali stabbilita fir-rigward tal-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi kkonċernati. Minħabba d-deterjorament tas-sehem mis-suq u l-livell għoli tal-prezz tagħhom, ma hemm ebda evidenza li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra kkontribwew għall-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, ma kien hemm ebda fattur magħruf ieħor, jiġifieri l-andament tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-kompetizzjoni mill-produtturi l-oħra tal-Unjoni, it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, il-pożizzjoni ġeografika u n-nuqqas ta' integrazzjoni vertikali, li kkontribwixxa għall-ħsara tal-industrija tal-Unjoni sal-punt li hall din ir-rabta kawżali.

(264) Abbażi tal-analiżi ta' hawn fuq, li d-distingwiet u sseparat b'mod tajjeb l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effett dannuż tal-importazzjonijiet sussidjati, huwa konkluż b'mod provviżorju li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kkawżaw ħsara materjali lill-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku.

## 6. INTERESS TAL-UNJONI

(265) B'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar is-sussidjar, il-ħsara u l-kawżalità, kienx hemm raġunijiet b'saħħithom li jwasslu għall-konklużjoni li ma jkunx fl-interess tal-Unjoni li jiġu adottati miżuri f'dan il-każ partikolari. Għal dan il-għan u skont l-Artikolu 31(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni qieset l-impatt probabbli ta' miżuri possibbli fuq il-partijiet kollha involuti, kif ukoll il-konsegwenzi probabbli jekk ma jittiħdux miżuri.

(266) Il-Kummissjoni baġtet kwestjonarji lill-importaturi indipendenti, il-fornituri ta' materja prima, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet tagħhom. B'kollox intbagħtu 'l fuq minn 50 kwestjonarju iżda t-tweġibiet li waslu fiż-żmien stipulat kienu biss 13. Barra minn hekk, kien hemm 22 utent li ppreżentaw ruħhom aktar tard fil-proċess b'ittri ta' oppożizzjoni għal kwalunkwe miżuri possibbli f'dan il-każ.

### 6.1. L-interess tal-industrija tal-Unjoni u ta' produttori tal-Unjoni oħrajn

(267) Hu mistenni li l-impożizzjoni tal-miżuri fuq l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati tipprevjeni aktar tfixkil tas-suq u restrizzjoni tal-prezzijiet u terġa' tintroduċi kompetizzjoni ġusta. Dan, min-naħa l-oħra, għandu jipprovi lill-industrija tal-Unjoni b'opportunità biex ittejjeb is-sitwazzjoni tagħha minħabba ż-żieda fil-prezzijiet, iż-żieda fil-volumi ta' bejgħ u fis-sehem mis-suq.

(268) Fin-nuqqas ta' miżuri, hu mistenni li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati ikomplu jiżiedu bi prezzijiet baxxi li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. F'dan il-każ, l-industrija tal-Unjoni ma jkollhiex l-opportunità li ttejjeb is-sitwazzjoni tagħha. Minħabba l-istat finanzjarju ħażin tal-industrija tal-Unjoni, ikun mistenni aktar għeluq ta' impriżi bil-konsegwenza ta' aktar telf ta' impjiegi.

(269) Ma hemm xejn x'juri li l-interessi tal-produttori l-oħra fl-Unjoni li ma kkooperawx b'mod attiv fl-investigazzjoni se jkun differenti minn dawk indikati għall-industrija tal-Unjoni.

(270) Il-kumpanija Iranjana argumentat li l-impożizzjoni ta' miżuri ma tgħinx lill-industrija tal-Unjoni għax twassal biss għal investimenti ġodda f'pajjiżi esportaturi oħra. Dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat għax ikun ifisser, jekk titqies il-konsegwenza loġika tiegħu, li l-miżuri kumpensatorji ma jistgħu qatt jiġu imposti fuq prodotti li għalihom l-investimenti jistgħu jiġu trasferiti lejn pajjiżi oħra. Dan ikun ifisser ukoll li wieħed jirrinunzja għall-protezzjoni kontra l-kummerċ inġust semplicitment minħabba l-possibbiltà ta' kompetizzjoni ġdida minn pajjiżi terzi oħra.

(271) L-istess parti interessata ddikjarat li l-ebda miżura ma tista' ssewwi l-iżvantaġġ kompetittiv strutturali tal-industrija ta' produzzjoni tal-PET tal-UE meta mqabbla mal-industrija ta' produzzjoni tal-PET fl-Asja u fil-Lvant Nofsani. Dan l-argument, madankollu, ma ġiex issostanzjat biżżejjed. Ta' min jinnota li xi produttori tal-Unjoni inklużi fil-kampjun li huma integrati vertikament jinsabu wkoll f'sitwazzjoni finanzjarja diffiċli. Barra minn hekk, minkejja l-iżvantaġġi kompetittivi possibbli (pereżempju permezz ta' aċċess għal materja prima orħos), xorta waħda nstab li l-produttori esportaturi kienu qed jirċievu sussidji kumpensatorji

(272) Għaldaqstant, ġie konkluż b'mod provviżorju li l-impożizzjoni ta' miżuri kumpensatorji tkun biċ-ċar fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

### 6.2. L-interess tal-importaturi mhux relatati fl-Unjoni

(273) Kif indikat hawn fuq, it-teħid tal-kampjuni kien applikat għall-importaturi mhux relatati u minn żewġ kumpaniji inklużi fil-kampjun aġent importatur wieħed biss (Global Services International, "G.S.I.") ikkoopera b'mod sħiħ f'din l-investigazzjoni billi ressaq tveġiba għall-kwestjonarju. L-importazzjonijiet iddikjarati mill-aġent li kkoopera jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tal-importazzjonijiet kollha kkonċernati fil-PI. Il-kummissjonijiet għall-importazzjonijiet tal-PET jirrappreżentaw il-maġġoranza tan-negozju tal-G.S.I. Billi l-aġent jaħdem fuq bażi ta' kummissjoni, l-impożizzjoni ta' dazji mhix mistennija li jkollha impatt sinifikanti fuq l-andament tiegħu minħabba li kull żieda effettiva fil-prezz tal-importazzjoni x'aktarx ibatuha l-klijenti tiegħu.

(274) Ebda importatur ieħor ma ressaq tagħrif rilevanti. Billi l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra fejn bħalissa hemm fis-seħħ miżuri antidumping u/jew kumpensatorji ma waqfux u billi l-importazzjonijiet huma disponibbli minn pajjiżi mingħajr miżuri ta' difiża għan-negozju (eż. l-Oman, l-Istati Uniti, il-Brażil), jitqies li l-importaturi jistgħu jimportaw minn dawn il-pajjiżi.

(275) Għaldaqstant ġie konkluż b'mod provviżorju li l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji mhux se jkollha effetti negattivi sa punt sinifikanti fuq l-interess tal-importaturi tal-UE.

### 6.3. L-interess tal-fornituri ta' materja prima fl-Unjoni

(276) Tliet fornituri ta' materja prima (tnejn tal-PTA u wieħed tal-MEG) ikkooperaw fl-investigazzjoni billi ressqu t-tweġiba għall-kwestjonarju fiż-żmien stipulat. L-għadd ta' persunal impjegat fil-faċilitajiet Ewropej tagħhom u involut fil-produzzjoni tal-PTA/MEG kien ta' madwar 700.

- (277) Il-produtturi tal-PTA li kkooperaw jirrappreżentaw madwar 50 % tax-xiri ta' PTA tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Il-produtturi tal-PTA jiddependu bil-kbir fuq l-istat tal-produtturi tal-PET li jikkostitwixxu l-klijenti ewlenin tagħhom. Il-prezzijiet baxxi tal-PET iwasslu għal prezzijiet aktar baxxi tal-PTA u marġnijiet aktar baxxi għall-produtturi tal-PTA. Ta' min isemmi li tinsab għadd-ejja investigazzjoni li tikkonċerna l-antidumping u l-antisussidjar fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' PTA li joriġina fit-Tajlandja, li jfisser li l-produtturi tal-UE tal-PTA jistgħu wkoll iħabbtu wiċċhom ma' kompetizzjoni inġusta minn importazzjonijiet Tajlandiżi. Għaldaqstant, jitqies li l-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet sussidjati tal-PET għandha tibbenefika lill-produtturi tal-PET.
- (278) Għall-fornitur tal-MEG li kkoopera, l-MEG jirrappreżenta inqas minn 10 % tal-fatturat totali tiegħu. Ta' min isemmi li fir-rigward tal-MEG, il-PET mhux i-unika applikazzjoni possibbli tiegħu, u lanqas dik ewlenija, u l-produtturi tal-MEG jiddependu inqas fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-PET. Minkejja dan, id-diffikultajiet tal-industrija tal-PET jista' jkollhom impatt limitat fuq il-fornituri tal-MEG, tal-inqas fuq medda qasira u medja ta' żmien.
- (279) Minħabba dan ta' hawn fuq, huwa konkluż b'mod provviżorju li l-impożizzjoni ta' miżuri fuq importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi kkonċernati tkun fl-interess tal-fornituri ta' materja prima.
- 6.4. L-interess tal-utenti**
- (280) Il-PET suġġett għal dan il-proċediment (jiġifieri bin-numru tal-viskożità ta' 78 ml/g jew ogħla, l-hekk imsejjaħ "grad ta' flixxun" (bottle grade) jintuża l-aktar biex jiġu prodotti fliexken għall-ilma u xarbiets oħra. L-użu tiegħu għall-produzzjoni ta' pakketti oħra (ikel solidu jew deterġenti) u għall-produzzjoni tal-folji qiegħed jiżviluppa, iżda għadu relattivament limitat. Il-fliexken tal-PET jiġu prodotti f'żewġ stadji. (i) l-ewwel issir preforma bl-injezzjoni ta' PET bil-forma u (ii) wara l-preforma tissaħħan u tintefaħ fi flixxun. Ir-realizzazzjoni tal-fliexken tista' tkun proċess integrat (jiġifieri l-istess kumpanija tixtri l-PET, tipproduċi l-preforma u tonfoħha fi flixxun) jew wieħed limitat għat-tieni stadju (l-infiħ tal-preforma fi flixxun). Il-preforom jistgħu jiġu trasportati b'mod relattivament faċli minħabba li huma żgħar u densi, filwaqt li l-fliexken vojta huma instabbli u minħabba d-daqs tagħhom it-trasport tagħhom huwa għali ħafna.
- (281) Il-fliexken tal-PET jimtlew bl-ilma u/jew b'xarbiets oħra mill-kumpaniji tal-ibbottiljar ('il-bottiljaturi'). Il-kumpaniji tal-ibbottiljar sikwit ikunu involuti fin-negożju tal-PET jew permezz ta' proċessi integrati ta' realizzazzjoni tal-fliexken jew permezz ta' ftehimiet dwar ħlasijiet (tolling) ma' konvertituri subkontrattati u/jew produtturi tal-fliexken li jinnegożjaw il-prezz tal-PET għalihom mal-produttur (soft tolling) jew anki jixtru l-PET għall-fliexken tagħhom stess (hard tolling).
- (282) Għaldaqstant, jeżistu żewġ gruppi ta' utenti:
- il-konvertituri u/jew il-produtturi tal-flixxun – li jixtru l-PET direttament mill-produtturi, jikkonvertuh fil-preforom (jew fliexken) u jergġu jbigħuh għall-proċessar downstream (jew il-mili), u
  - il-bottiljaturi - li jixtru l-PET għall-konvertituri/produtturi tal-fliexken subkontrattati tagħhom (hard tolling) jew jinnegożjaw il-prezz li bih il-konvertitur subkontrattat u/jew il-produttur tal-flixxun se jakkwista l-PET (soft tolling).
- (a) *Konvertituri*
- (283) Il-produtturi tal-preforom huma l-utenti ewlenin tal-PET bil-grad ta' flixxun. Erba' konvertituri, li jirrappreżentaw 16 % tal-konsum tal-Unjoni fil-PI, ikkooperaw b'mod sħiħ fl-investigazzjoni (jiġifieri ressuq tweġibiet sħaħ għall-kwestjonarju fi ħdan il-limiti ta' żmien). Kif issemma hawn fuq, għadd sinifikanti ta' konvertituri ppreżentaw ruħhom ukoll aktar tard fil-proċediment jesprimu l-oppożizzjoni tagħhom, iżda ma pprowdewx dejta verifikabbli fir-rigward tal-konsum tagħhom. Waqt seduta l-aġent tal-importazzjoni li kkoopera qal li 'l fuq minn 80 % tal-utenti tal-UE qegħdin jopponu dawn il-miżuri. Madankollu dan it-tagħrif ma kienx sostnut biżżejjed u ma setax jiġi vverifikat.
- (284) Waqt seduta, assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-konvertituri Ewropej tal-plastik (l-EuPC) qalet li qed tieħu pożizzjoni newtrali fir-rigward ta' dan il-proċediment. Għalkemm uħud mill-membri tagħha huma kontra dawn il-miżuri, il-livell attwali tal-prezzijiet tal-PET fis-suq Ewropew mhux sostenibbli għall-kumpaniji li jirriċiklaw il-PET. Il-kumpaniji li jirriċiklaw il-PET (li wkoll huma rappreżentati mill-EuPC) jidhru favur il-miżuri. Madankollu, fi stadju aktar tard tal-investigazzjoni, l-assoċjazzjoni biddlet il-pożizzjoni tagħha u ddikjarat li hi kontra l-impożizzjoni tal-miżuri. L-assoċjazzjoni ddikjarat li l-impożizzjoni ta' miżuri twassal għal spejjeż eċċessivi għall-industrija tal-konvertituri tal-plastik fl-UE, li tikkonsisti prinċipalment f'impriżi żgħar u medji (SMEs). L-assoċjazzjoni argumentat li dawn l-SMEs ma jkunux kapaċi jassorbu prezzijiet ogħla tal-PET, iżda jkollhom iwaqqfu l-attività tagħhom jew jittrasferuha barra mill-UE. Dawn id-dikjarazzjonijiet ma ġewx issostanzjati aktar f'dan l-istadju.
- (285) L-għadd totali ta' persunal impjegat mill-konvertituri li kkooperaw kien ta' 1 300 ruħ, filwaqt li l-persunal impjegat u ddikjarat mill-konvertituri li ppreżentaw ruħhom aktar tard fil-proċediment kien ta' 6 000 ruħ oħra. Waqt is-seduta l-aġent tal-importazzjoni u l-klijenti tiegħu indikaw li l-livell ta' impjiegi tal-konvertituri hu ta' madwar 20 000 ruħ. It-tagħrif dwar l-impjiegi għad irid jiġi vverifikat.

- (286) Abbażi tat-tagħrif disponibbli, il-PET użat fil-produzzjoni tal-preforom jammonta għal bejn 70 % u 80 % tal-ispiża totali tal-produzzjoni tal-konvertituri. Għaldaqstant, dan huwa komponent kritiku tal-ispiża għal dawn il-kumpaniji. L-investigazzjoni sa issa indikat li, bħala medja, il-konvertituri li kkooperaw diġà qed jagħmlu xi telf. Minħabba li l-maġġoranza tal-konvertituri huma kumpaniji lokali żgħar u medji, fuq medda qasira u medja ta' żmien jista' jkollhom biss possibbiltajiet limitati biex jittrasferixxu ż-żieda fl-ispejjeż tagħhom, partikolarment meta l-klijent tagħhom (il-kumpaniji tal-ibbottiljar) ikollu pożizzjoni b'saħħha u allura jkun f'qagħda vantaġġata ta' negozjar. Madankollu, il-kuntratti (normalment innegozjati kull sena) biex jinbiegħu l-preforom u/jew il-fliexken sikwit jinkludu mekkaniżmu biex tiġi riflessa l-varjazzjoni tal-prezzijiet tal-PET.
- (287) Il-konvertituri u l-aġent tal-importazzjoni li kkoopera argumentaw li l-miżuri se jwasslu biex produtturi ikbar tal-preforom imexxu l-linji ta' produzzjoni standardizzati tagħhom għall-pajjiżi ġirien tal-UE. Minħabba li l-ispejjeż tat-trasport tal-preforom fuq distanzi twal huma relattivament baxxi, sa ċertu punt dan il-proċess diġà qiegħed iseħħ. Għalissa, madankollu, il-kunsiderazzjonijiet bħalma hi l-prossimità tal-klijent jew il-flessibbiltà tat-twassil jidhru li jikkompensaw għall-vantaġġi li jistgħu joffru l-pajjiżi ġirien. Minħabba li l-livell ta' miżuri proposti huwa moderat, qed jitqies b'mod provviżorju li l-vantaġġi tal-produzzjoni tal-preforom barra mill-UE ma għandhomx jegħlbu l-iżvantaġġi attwali. Barra minn dan, minħabba l-ispejjeż tat-trasport, id-delokalizzazzjoni hi mistennija li tkun alternattiva biss għall-kumpaniji li l-klijenti tagħhom huma pożizzjonati qrib il-fruntieri tal-UE, iżda mhux għall-konvertituri li għandhom il-klijenti tagħhom f'partijiet oħra tal-UE.
- (288) Il-konvertituri u l-aġent tal-importazzjoni li kkoopera argumentaw li l-miżuri setgħu biss iservu ta' għajnuna għal żmien qasir lill-produtturi tal-PET. Dawn iddikjaraw li fuq medda medja u twila ta' żmien, ladarba l-produtturi tal-preforom jimxu 'l barra mill-UE, mhux se jkun hemm biżżejjed domanda fis-suq tal-UE għal produtturi tal-PET u l-prezzijiet dejjem aktar baxxi fl-aħħar mill-aħħar se jġiegħlu lill-produtturi tal-PET biex jagħlqu jew inkella jittrasferixxu ruħhom barra mill-UE. Minħabba l-kunsiderazzjonijiet fil-premessa preċedenti u minħabba li qed jitqies b'mod provviżorju li l-produtturi tal-preforom għad mhumiex obbligati, ekonomikament, li jimxu 'l barra mill-UE, dan ix-xenarju x'aktarx ma jseħħ.
- (289) Għalhekk b'mod provviżorju għadu mhux eskluż li l-impożizzjoni ta' miżuri jkollha impatt sinifikanti fuq l-ispiża tal-produzzjoni tal-konvertituri. Madankollu, minħabba l-inċertezzi fir-rigward tal-possibbiltajiet għall-produtturi tal-preforom u/jew tal-fliexken biex jittrasferixxu ż-żieda fl-ispejjeż fuq il-konsumaturi tagħhom, l-impatt fuq il-profittabbiltà tal-konvertituri u l-andament ġenerali tagħhom ma jistax jiġi ddikjarat b'mod ċar f'dan l-istadju provviżorju.
- (b) *Bottiljaturi*
- (290) Sitt kumpaniji bottiljaturi, inklużi fergħat tal-Coca-Cola Co., Nestle Waters, Danone u Orangina kkooperaw mal-investigazzjoni, jiġifieri ressuq twegħbiet sħaħ għall-kwestjonarju fil-limiti taż-żmien. Dawn jirrappreżentaw madwar 11 % tal-konsum tal-Unjoni tal-PET fil-PI. Il-format tat-tagħrif ipprovdut ma jippermettix l-identifikazzjoni faċli tal-għadd ta' persunal involut direttament fil-produzzjoni li juża l-PET. Madankollu, huwa stmat b'mod provviżorju li hemm madwar 6 000 ruħ. Abbażi tat-tagħrif disponibbli, huwa stmat li l-industrija totali tal-ibbottiljar fl-Unjoni timpjega bejn 40 000 u s-60 000 ħaddiem involuti direttament fil-produzzjoni permezz tal-PET.
- (291) Abbażi tat-tagħrif disponibbli, l-ispiża tal-PET fl-ispiża totali tal-bottiljaturi li kkooperaw tvarja bejn 1 % u 14 %, skont l-ispiża tal-komponenti l-oħra użati fil-produzzjoni tal-prodotti rispettivi tagħhom. It-tagħrif disponibbli jindika li l-PET għandu tendenza jkun element ta' spiża aktar sinifikanti għall-produtturi tal-ilma minerali (speċjalment mingħajr marka kummerċjali), filwaqt li għal xi kumpaniji tal-ibbottiljar tas-soft drinks dan ikun marġinali. It-tagħrif fil-fajl juri li f'xi każijiet l-ispiża tal-PET tista' tirrappreżenta sa 20 % tal-prezz finali tal-ilma minerali għall-konsumaturi. Huwa stmat li, bħala medja, l-ispiża tal-PET tista' tikkostitwixxi sa 10 % tal-ispiża totali tal-kumpaniji bottiljaturi.
- (292) Minħabba dan ta' hawn fuq, jitqies li kull żieda fil-prezzijiet tal-PET wara l-impożizzjoni tal-miżuri proposti se jkollha biss impatt limitat (anqas minn żieda ta' 2 % fl-ispiża) fuq il-qagħda ġenerali tal-kumpaniji bottiljaturi, anki jekk, kif intqal, dawn ikollhom diffikultajiet biex jittrasferixxu ż-żieda fl-ispiża fuq il-konsumaturi tagħhom, li f'kull każ hija improbabli tal-inqas fil-perspettiva ta' nofs it-terminu.

## 6.5. Nuqqas ta' forniture tal-PET

- (293) Bosta partijiet interessati argumentaw li l-impożizzjoni tal-miżuri se tirriżulta f'nuqqas ta' PET fis-suq tal-UE u li l-produtturi tal-Unjoni ma għandhomx biżżejjed kapaċitajiet ta' produzzjoni biex ilaħħqu mad-domanda eżistenti.
- (294) Ta' min jinnota li f'dan ir-rigward il-produtturi tal-Unjoni ħaddmu biss 69 % tal-kapaċità tagħhom fil-PI u għandhom biżżejjed kapaċità żejda biex jissostitwixxu l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, kemm-il darba jkun hemm b'żonn isir dan. Madankollu, l-iskop tad-dazju ma għandux ikun wieħed li jiskoraġġixxi l-importazzjoni iżda biss wieħed li jerġa' jintroduċi l-kompetizzjoni ġusta fis-suq. Barra minn dan, hemm disponibbli wkoll sorsi oħra ta' forniment.

- (295) Barra minn hekk, kemm-il darba l-prezz tal-PET verġni fl-UE jinżamm flivell raġonevoli u ma jitħallix jaq' minħabba kompetizzjoni inġusta, huwa mistenni li l-industrija tar-riċiklaġġ tal-PET iżżid il-produzzjoni.

#### 6.6. Argomenti oħra

- (296) L-esportatur Iranjan argumenta li l-impożizzjoni tal-miżuri kontra l-PET Iranjan ikollha effett negattiv sproporzjonat minħabba l-istatus tal-pajjiż bħala pajjiż li qed jiżviluppa u billi l-esportaturi Iranjani diġà qed iħabbtu wiċċhom ma' żvantaġġi serji minħabba s-sanzjonijiet internazzjonali. Hija l-prassi kostanti tal-Kummissjoni li tieħu azzjonijiet ta' antisussidjar kontra l-pajjiżi żviluppatti u dawk li qed jiżviluppaw b'mod indaq kull meta din l-azzjoni tkun iġġustifikata mir-rekwiżiti legali. Barra minn hekk, il-fatt li hemm sanzjonijiet fis-seħħ kontra l-Iran hija kunsiderazzjoni irrilevanti skont ir-regoli eżistenti ta' antisussidjar.

#### 6.7. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (297) Biex wieħed jikkonkludi, huwa mistenni li l-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati għandha ttiprovdi opportunità għall-industrija tal-Unjoni, kif ukoll għal produtturi oħra tal-Unjoni, biex itejbu s-sitwazzjoni tagħhom permezz ta' żieda fil-volumi ta' bejgħ, żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ u f'dik tas-sehem mis-suq. Filwaqt li jistgħu jfiġġu xi effetti negattivi fl-għamla ta' żidiet fl-ispiża għall-utenti (l-iktar il-konvertituri), dawn x'aktarx jingħelbu mill-benefiċċji li mistennija jaslu għand il-produtturi u l-fornituri tagħhom.
- (298) L-introduzzjoni mill-ġdid ta' kompetizzjoni ġusta u ż-żamma tal-prezz flivell raġonevoli fl-UE għandhom jinkoraġġixxu r-riċiklaġġ tal-PET b'mod li jkompli jitħares l-ambjent. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, huwa konkluż provviżorjament li, kollox ma' kollox, ma jeżistux raġunijiet konvinċenti biex ma jiġux imposti miżuri fil-każ preżenti. Dan l-istudju preliminari jista' jkollu jiġi rivedut fl-istadju finali, wara l-verifika tat-tweġibiet għall-kwestjonarju min-naħa tal-utenti u wara investigazzjoni ulterjuri.

### 7. MIŻURI KUMPENSATORJI PROVVIŻORJI

- (299) Fid-dawl tal-konklużjonijiet provviżorji li ntlaħqu rigward is-sussidjar, il-ħsara li tirriżulta u l-interess tal-Unjoni, għandhom jiġu imposti miżuri provviżorji fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Iran, il-Pakistan u l-Emirati Għarab Magħquda sabiex tiġi evitata aktar ħsara lill-industrija tal-Unjoni minn importazzjonijiet issussidjati.

#### 7.1. Livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara

- (300) Il-miżuri provviżorji fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw fil-pajjiżi kkonċernati għandhom jiġu imposti flivell suffiċjenti biex jeliminaw il-ħsara kkawżata lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet sussidjati, mingħajr ma jinqabeż il-marġni tas-sussidju misjub. Fil-kalkolu tal-ammont ta' dazju meħtieġ għat-tneħħija tal-effetti tas-sussidjar dannuż, jitqies li kull miżura għandha tippermetti lill-industrija tal-Unjoni tkopri l-ispejjeż tagħha ta' produzzjoni u b'mod ġenerali tikseb profitt qabel it-taxxa li jista' jintlaħaq raġonevolment f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, jiġifieri fin-nuqqas ta' importazzjonijiet sussidjati.
- (301) L-Unjoni tkellmet dwar mira ta' profitt ta' 7,5 %, kif intuża fil-proċediment kontra r-Repubblika Popolari ta' Ċina. Madankollu, matul il-perjodu meqjus l-industrija tal-Unjoni qatt ma kisbet profitt bħal dan (fil-fatt qatt ma għamlet profitt) u b'mod ġenerali esprimiet li normalment tkun qed topera b'marġnijiet pjuttost baxxi. L-ogħla profitt miksub minn żewġ kumpaniji inklużi fil-kampjun f'sena mill-perjodu meqjus kien ta' 3 %. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-iktar mira ta' profitt li dehret raġonevoli kienet dik ta' 5 %.
- (302) Abbażi ta' dan, ġie kkalkulat prezz mhux dannuż għall-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili. Il-prezz mhux dannuż ġie stabbilit billi tnaqqas il-marġni ta' profitt attwali mill-prezz ta' kif il-prodott joħroġ mill-fabbrika u mal-prezz li ġie kkalkolat biex ma jsirx telf żdiedet il-mira ta' marġni ta' profitt imsemmija hawn fuq.
- (303) Minħabba li matul il-PI l-prezzijiet tal-materja prima u allura dawk tal-PET fis-suq tal-Unjoni ġarrbu varjazzjonijiet sinifikanti, tqies f'loku li l-livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara jiġi kkalkulat fuq dejta ta' kull tliet xhur.

Pajjiż	Livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara
L-Iran	17,0 %
Il-Pakistan	15,2 %
L-EGħM	18,5 %

#### 7.2. Miżuri provviżorji

- (304) Fid-dawl ta' dak li ssemma aktar 'il fuq u skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament bażiku, jitqies li għandu jiġi impost dazju kumpensatorju provviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina fl-Iran, il-Pakistan u l-Emirati Għarab Magħquda fl-iktar livell baxx tal-livell ta' eliminazzjoni tas-sussidjar u tal-ħsara li nstab, u dan skont ir-regola tal-inqas dazju.

- (305) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, u skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament bażiku, jitqies li għandha tiġi imposta r-rata tad-dazju kumpensatorju provviżorju fuq importazzjonijiet li joriġinaw fl-Iran fil-livell tal-marġni ta' ħsara misjub, filwaqt li għall-importazzjonijiet li joriġinaw fil-Pakistan u fl-Emirati Għarab Magħquda, ir-rata tad-dazju kumpensatorju provviżorju għandha tiġi imposta fil-livell tal-marġni ta' sussidju li nstab.
- (306) Ta' min jinnota li l-ispejjeż u l-prezzijiet tal-PET huma suġġetti għal flutwazzjonijiet konsiderevoli f'perjodi ta' żmien relattivament qosra. Għaldaqstant, tqies f'loku li jiġu imposti dazji fil-forma ta' ammont speċifiku għal kull tunnellata. Dan l-ammont jirriżulta mill-applikazzjoni tar-rata kumpensatorja għall-prezzijiet tal-esportazzjoni CIF użata għall-kalkoli fil-proċediment antidumping parallel.
- (307) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, l-ammonti tad-dazju kumpensatorju propost, espressi fi prezzijiet CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel ma jitħallas id-dazju doganali, huma kif ġej:

Pajjiż	Marġni ta' sussidju totali	li minnu Sussidju tal-Esportazzjoni	Marġni ta' ħsara (fuq bażi ta' kull tliet xhur)	Rata tad-dazju kumpensatorju provviżorju	
				%	Ammont (EUR/t)
L-Iran	53 %	2 %	17,0 %	17,0 %	142,97
Il-Pakistan	9,7 %	7,4 %	15,2 %	9,7 %	83,64
L-EGħM	5,1 %	0 %	18,5 %	5,1 %	42,34

### 7.3. Dispożizzjoni finali

- (308) Fl-interess ta' amministrazzjoni tajba, għandu jiġi ffixsat perjodu li matulu l-partijiet interessati li jkunu ppreżentaw ruħhom fiż-żmien speċifikat fl-avviż ta' tnedija jkunu jistgħu jikkomunikaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub jew jitolbu smiġh. Barra minn hekk, wieħed għandu jgħid li s-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni tad-dazji magħmula għall-finijiet ta' dan ir-Regolament huma provviżorji u jista' jkun li jkollhom jergġhu jitqiesu għall-finijiet ta' kwalunkwe miżuri definittivi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

- B'dan qiegħed jiġi impost dazju kumpensatorju provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' polyethylene terephthalate li għandu n-numru tal-viskożità ta' 78 ml/g jew iktar skont l-Istandard ISO 1628-5, li jaqa' taħt il-Kodiċi NM 3907 60 20 u li joriġina fl-Iran, il-Pakistan u l-Emirati Għarab Magħquda.
- Ir-rata tad-dazju provviżorju kumpensatorju applikabbli għall-prezz nett, ħieles fuq il-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1, għandha tkun kif ġej:

Pajjiż	Rata tad-dazju kumpensatorju (EUR/tunnellata)
L-Iran: il-kumpaniji kollha	142,97
Il-Pakistan: il-kumpaniji kollha	83,64
L-Emirati Għarab Magħquda: il-kumpaniji kollha	42,34

3. Fil-każijiet fejn il-merkanzija tkun ġarrbet xi ħsarat qabel id-dħul tagħha fiċ-ċirkolazzjoni libera u, għallhekk, il-prezz li jkun tħallas effettivament jew li jkun pagabbli ikun apporzjonat għad-determinazzjoni tal-valur doganali skont l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju <sup>(1)</sup>, l-ammont ta' dazju kumpensatorju provviżorju, ikkalkulat fuq il-bażi tal-ammonti stipulati hawn fuq, għandu jitnaqqas b'perċentwali li tikkorrispondi mal-apporzjonament tal-prezz li kien effettivament imħallas jew li jkun pagabbli.

4. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għal dispożizzjoni ta' sigurtà ekwivalenti għall-ammont ta' dazju provviżorju.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali.

#### Artikolu 2

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009, il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-iżvelar tal-fatti u tal-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie adottat dan ir-Regolament, jagħtu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u japplikaw biex jinstemgħu oralment mill-Kummissjoni fi żmien xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Skont l-Artikolu 31(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009, il-partijiet ikkonċernati jistgħu jikkumentaw dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi żmien xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

#### Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandu japplika għal perjodu ta' erba' xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
José Manuel BARROSO

---

(1) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.